Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2024/2078(INI)

19.2.2025

EMENDI
367 - 707

Abbozz ta' rapport
Ana Catarina Mendes
(PE767.867v01-00)

Ir-rapport 2024 tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt
(2024/2078(INI))

Emenda 367
Alessandro Ciriani, Paolo Inselvini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jinsab imħasseb dwar ix-xejra dejjem tikber ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ta' drittijiet tal-bniedem li qed jiffaċċjaw aktar restrizzjonijiet legali, nuqqas ta' finanzjament, u attakki; jappella għal qafas ta' abilitazzjoni u ta' appoġġ għas-soċjetà ċivili u jtenni l-importanza li jiġu adottati d-Direttiva kontra s-SLAPP u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 biex jiġu protetti l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; ***iqis li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jespandu l-finanzjament għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;***	13. Jinsab imħasseb dwar ix-xejra dejjem tikber ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ta' drittijiet tal-bniedem li qed jiffaċċjaw aktar restrizzjonijiet legali, nuqqas ta' finanzjament, u attakki; jappella għal qafas ta' abilitazzjoni u ta' appoġġ għas-soċjetà ċivili u jtenni l-importanza li jiġu adottati d-Direttiva kontra s-SLAPP u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 biex jiġu protetti l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

Or. it

Emenda 368
András László

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jinsab imħasseb ***dwar ix-xejra dejjem tikber ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ta' drittijiet tal-bniedem li qed jiffaċċjaw aktar restrizzjonijiet legali, nuqqas ta' finanzjament, u attakki; jappella għal qafas ta' abilitazzjoni u ta' appoġġ għas-soċjetà ċivili u jtenni l-importanza li jiġu adottati d-Direttiva kontra s-SLAPP u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 biex jiġu protetti l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; iqis li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jespandu l-***	13. Jinsab imħasseb ***li, skont rapporti tal-istampa Netherlandiża, il-Kummissjoni, taħt l-influwenza ta' Frans Timmermans, nefqet mill-anqas EUR 700 000 għall-hekk imsejħa NGOs permezz ta' kuntratti sigrieti biex tirrifletti l-pożizzjoni tal-Kummissjoni fuq il-Patt Ekoloġiku u tinfluwenza l-Membri tal-Parlament Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni tiżvela l-informazzjoni kollha rilevanti dwar dan l-iskandlu***;

finanzjament għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

Or. en

Emenda 369
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Fabienne Keller, Sophie Wilmès, Moritz Körner, Abir Al-Sahlani, Sigrid Friis, Lucia Yar

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jinsab imħasseb dwar ix-xejra dejjem tikber ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ta' drittijiet tal-bniedem li qed jiffaċċjaw aktar restrizzjonijiet legali, nuqqas ta' finanzjament, u attakki; jappella għal qafas ta' abilitazzjoni u ta' appoġġ għas-soċjetà ċivili u jtenni l-importanza li jiġu adottati d-Direttiva kontra s-SLAPP u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 biex jiġu protetti l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; iqis li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jespandu l-finanzjament għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;	13. Jinsab imħasseb dwar ix-xejra dejjem tikber ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ta' drittijiet tal-bniedem li qed jiffaċċjaw aktar restrizzjonijiet legali, nuqqas ta' finanzjament, u attakki***, li għandu impatt fuq il-libertà ta' assoċjazzjoni u l-libertà ta' għaqda***; jappella għal qafas ta' abilitazzjoni u ta' appoġġ għas-soċjetà ċivili u jtenni l-importanza li jiġu adottati d-Direttiva kontra s-SLAPP u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 biex jiġu protetti l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; iqis li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jespandu l-finanzjament għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

Or. en

Emenda 370
Daniel Freund

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jinsab imħasseb dwar ix-xejra dejjem tikber ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ta' drittijiet tal-bniedem li	13. Jinsab imħasseb dwar ix-xejra dejjem tikber ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ta' drittijiet tal-bniedem li

qed jiffaċċjaw aktar restrizzjonijiet legali, nuqqas ta' finanzjament, u attakki; jappella għal qafas ta' abilitazzjoni u ta' appoġġ għas-soċjetà ċivili u jtenni l-importanza li jiġu adottati d-Direttiva kontra s-SLAPP u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 biex jiġu protetti l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; iqis li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jespandu l-finanzjament għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;	qed jiffaċċjaw aktar restrizzjonijiet legali, nuqqas ta' finanzjament, u attakki; jappella għal qafas ta' abilitazzjoni u ta' appoġġ għas-soċjetà ċivili u jtenni l-importanza li jiġu adottati d-Direttiva kontra s-SLAPP u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 biex jiġu protetti l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; iqis li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jespandu l-finanzjament għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ***u jiżguraw il-protezzjoni xierqa tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem***;

Or. en

Emenda 371
Moritz Körner, Malik Azmani, Dainius Žalimas, Lucia Yar, Fabienne Keller, Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová Ostrihoňová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jinsab imħasseb dwar ix-xejra dejjem tikber ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ta' drittijiet tal-bniedem li qed jiffaċċjaw aktar restrizzjonijiet legali, nuqqas ta' finanzjament, u attakki; jappella għal qafas ta' abilitazzjoni u ta' appoġġ għas-soċjetà ċivili u jtenni l-importanza li jiġu adottati d-Direttiva kontra s-SLAPP u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 biex jiġu protetti l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; ***iqis li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jespandu l-finanzjament għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;***	13. Jinsab imħasseb dwar ix-xejra dejjem tikber ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ta' drittijiet tal-bniedem li qed jiffaċċjaw aktar restrizzjonijiet legali, nuqqas ta' finanzjament, u attakki; jappella għal qafas ta' abilitazzjoni u ta' appoġġ għas-soċjetà ċivili u jtenni l-importanza li jiġu adottati d-Direttiva kontra s-SLAPP u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 biex jiġu protetti l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

Or. en

Emenda 372
Romana Tomc

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jinsab imħasseb dwar ix-xejra dejjem tikber ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ta' drittijiet tal-bniedem li qed jiffaċċjaw aktar restrizzjonijiet legali, nuqqas ta' finanzjament, u attakki; jappella għal qafas ta' abilitazzjoni u ta' appoġġ għas-soċjetà ċivili u jtenni l-importanza li jiġu adottati d-Direttiva kontra s-SLAPP u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 biex jiġu protetti l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; ***iqis li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jespandu l-finanzjament għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;***	13. Jinsab imħasseb dwar ix-xejra dejjem tikber ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ta' drittijiet tal-bniedem ***f'xi Stati Membri*** li qed jiffaċċjaw aktar restrizzjonijiet legali, nuqqas ta' finanzjament, u attakki; jappella għal qafas ta' abilitazzjoni u ta' appoġġ għas-soċjetà ċivili u jtenni l-importanza li jiġu adottati d-Direttiva kontra s-SLAPP u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 biex jiġu protetti l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

Or. en

Emenda 373
Mariusz Kamiński, Joachim Stanisław Brudziński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jinsab imħasseb dwar ix-xejra dejjem tikber ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ta' drittijiet tal-bniedem li qed jiffaċċjaw aktar restrizzjonijiet legali, nuqqas ta' finanzjament, u attakki; jappella għal qafas ta' abilitazzjoni u ta' appoġġ għas-soċjetà ċivili u jtenni l-importanza li jiġu adottati d-Direttiva kontra s-SLAPP u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 biex jiġu protetti l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; iqis li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ***jespandu l-finanzjament*** għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;	13. Jinsab imħasseb dwar ix-xejra dejjem tikber ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ta' drittijiet tal-bniedem li qed jiffaċċjaw aktar restrizzjonijiet legali, nuqqas ta' finanzjament, u attakki; jappella għal qafas ta' abilitazzjoni u ta' appoġġ għas-soċjetà ċivili u jtenni l-importanza li jiġu adottati d-Direttiva kontra s-SLAPP u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 biex jiġu protetti l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; iqis li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ***iżidu t-trasparenza u l-element ta' ftuħ tal-finanzjament*** għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

Or. pl

Emenda 374
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jinsab imħasseb dwar ix-xejra dejjem tikber ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ta' drittijiet tal-bniedem li qed jiffaċċjaw aktar restrizzjonijiet legali, nuqqas ta' finanzjament, u attakki; jappella għal qafas ta' abilitazzjoni u ta' appoġġ għas-soċjetà ċivili u jtenni l-importanza li jiġu adottati d-Direttiva kontra s-SLAPP u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 biex jiġu protetti l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; ***iqis*** li ***l-Kummissjoni u*** l-Istati Membri ***għandhom jespandu*** l-finanzjament għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;	13. Jinsab imħasseb dwar ix-xejra dejjem tikber ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ta' drittijiet tal-bniedem li qed jiffaċċjaw aktar restrizzjonijiet legali, nuqqas ta' finanzjament, u attakki; jappella għal qafas ta' abilitazzjoni u ta' appoġġ għas-soċjetà ċivili u jtenni l-importanza li jiġu adottati d-Direttiva kontra s-SLAPP u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 biex jiġu protetti l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; ***jirrakkomanda*** li l-Istati Membri ***jeżaminaw modi ta' kif iżidu*** l-finanzjament għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

Or. fi

Emenda 375
Isabel Serra Sánchez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jikkundanna li, f'diversi Stati Membri, l-awtoritajiet infurzaw miżuri sproporzjonati bħall-projbizzjoni preventiva ta' ġemgħat fil-pubbliku b'solidarjetà mal-Palestina abbażi ta' riskju għall-"ordni pubbliku" u s-"sigurtà", u l-użu ta' forza eċċessiva u detenzjoni ta' dawk li pprotestaw kif ukoll il-konflazzjoni ta' kritika leġittima tal-

awtoritajiet Iżraeljani bl-anti-Semitiżmu, li wassal għal effett dissważiv; jisħaq li f'diversi każijiet, il-projbizzjonijiet ġew appellati u l-qrati intervjenew kontra l-projbizzjoni tal-protesti b'solidarjetà mal-Palestina; jikkundanna, fl-ogħla livell politiku, ir-restrizzjonijiet illegali fuq id-dritt tal-libertà ta' għaqda paċifika u tal-espressjoni; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza dawn ir-restrizzjonijiet fiċ-Ċiklu Annwali tal-Istat tad-Dritt u tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri biex dejjem jirrispettaw id-dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika, skont id-dritt internazzjonali;

Or. en

Emenda 376
Michał Wawrykiewicz, Ana Catarina Mendes, Moritz Körner, Sophie Wilmès

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 3a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jisħaq li l-isforzi tas-soċjetà ċivili biex tippromwovi l-valuri demokratiċi u l-istat tad-dritt għandhom jiġu kkomplementati minn kampanji ta' edukazzjoni pubbliċi li jenfasizzaw l-importanza ta' qrati ħielsa u indipendenti biex jiżguraw il-ġustizzja u l-obbligu ta' rendikont; jenfasizza li ż-żieda fis-sensibilizzazzjoni tar-rwol fundamentali tal-ġudikatura biex iżżomm il-prinċipji demokratiċi, tipprevjeni l-abbużi mill-poter u tissalvgawardja d-drittijiet taċ-ċittadini hija essenzjali biex titrawwem kultura ta' rispett għall-istat tad-dritt; jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-iżvilupp u t-tixrid ta' inizjattivi edukattivi biex jiżguraw ħidma biex jintlaħqu n-nies u aċċessibbiltà fuq bażi wiesa';

Or. en

Emenda 377
Marco Tarquinio, Alessandro Zan, Damien Carême, Mélissa Camara

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Iwissi kontra l-ispazju ċiviku li qed jiċkien għall-organizzazzjonijiet kontra r-razziżmu u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem f'diversi pajjiżi tal-UE, fejn jiffaċċjaw restrizzjonijiet legali u finanzjarji, finanzjament ta' sospensjonijiet, kampanji ta' malafama u intimidazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni biex fir-rapporti dwar l-istat tad-dritt tinkludi l-monitoraġġ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li qed jaħdmu kontra r-razziżmu u biex tappoġġja ħidmithom billi tespandi u tiżgura l-finanzjament tal-UE għal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kontra r-razziżmu;

Or. en

Emenda 378
Evin Incir

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jinsab imħasseb li r-riformi fl-Iżvezja tal-qafas legali għall-finanzjament u għall-operat tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili qed jaffettwaw b'mod negattiv l-involviment tas-soċjetà ċivili; jissottolinja li soċjetà ċivili li tiffunzjona tajjeb hija parti integrali minn soċjetà demokratika; jistieden lill-Gvern Żvediż joħloq spazju miftuħ għas-soċjetà ċivili u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem

biex issir ħidma u titneħħa kwalunkwe restrizzjoni mhux ġustifikata fuq il-finanzjament u l-operat;

Or. en

Emenda 379
Marieke Ehlers, Jorge Buxadé Villalba, Tom Vandendriessche, Fabrice Leggeri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jesprimi tħassib kbir dwar in-nuqqas ta' trasparenza tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, speċjalment rigward il-finanzjament tagħhom; ifakkar fir-rapport speċjali Nru 35/2018 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, li enfasizza n-nuqqas ta' trasparenza tal-fondi tal-UE implimentati mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u r-riskju sussegwenti ta' ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu permezz ta' organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ;

Or. en

Emenda 380
Ana Catarina Mendes, Chloé Ridel, Sandro Ruotolo, Francisco Assis, Hannes Heide, Pina Picierno, Matjaž Nemec, Emma Rafowicz, Krzysztof Śmiszek, Katarina Barley, Evin Incir, Juan Fernando López Aguilar, Nacho Sánchez Amor, Marco Tarquinio, Javier Moreno Sánchez, Alessandro Zan, Isabel Serra Sánchez, Michał Wawrykiewicz, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jikkundanna bil-qawwi l-użu ta' "liġijiet tal-aġenti barranin" u jinnota li dawn il-liġijiet joħonqu n-nuqqas ta' qbil

mill-pubbliku, jiffastidjaw lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u jirrestringu l-kapaċità tagħhom li jaħdmu b'mod liberu; dan għandu effett diswaživ fuq is-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

Or. en

Emenda 381
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Kummissjoni tevita kwalunkwe attività li għandha l-għan li torbot lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' lobbjar li jimmiraw Membri speċifiċi tal-Parlament Ewropew jew unitajiet speċifiċi tal-Kummissjoni;

Or. sk

Emenda 382
Ana Catarina Mendes, Chloé Ridel, Sandro Ruotolo, Francisco Assis, Hannes Heide, Pina Picierno, Matjaž Nemec, Emma Rafowicz, Krzysztof Śmiszek, Katarina Barley, Evin Incir, Juan Fernando López Aguilar, Nacho Sánchez Amor, Marco Tarquinio, Javier Moreno Sánchez, Alessandro Zan, Daniel Freund, Isabel Serra Sánchez, Michał Wawrykiewicz, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jisħaq li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż dawk li jippromwovu l-istat tad-dritt u d-demokrazija, jipproteġu l-gruppi marġinati, il-protezzjoni tal-ambjent u l-ġustizzja soċjali għandhom rwol kruċjali biex

iżommu l-istat tad-dritt u għandhom jiġu protetti minn restrizzjonijiet jew intimidazzjoni mhux dovuti; jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza li jiġi żgurat li dawn l-organizzazzjonijiet jingħataw riżorsi finanzjarji adegwati mill-Unjoni Ewropea biex jappoġġjaw l-attivitajiet tagħhom, b'mod partikolari fid-dawl tal-isfidi li qed jikbru bħall-ispazju ċiviku li qed jiċkien u ż-żieda fil-piżijiet amministrattivi; jirrikonoxxi li finanzjament suffiċjenti huwa essenzjali għal dawn l-organizzazzjonijiet biex jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-promozzjoni tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-ġustizzja soċjali - valuri minquxa fit-Trattati - madwar l-Istati Membri kollha;

Or. en

Emenda 383
Isabel Serra Sánchez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jikkundanna li Franza u Spanja użaw liġijiet kontra t-terroriżmu biex jikkriminalizzaw attivisti favur id-drittijiet tal-bniedem li wrew solidarjetà mal-Palestina; jisħaq li kwalunkwe restrizzjoni fuq il-libertà ta' espressjoni trid tkun strettament meħtieġa biex tipproteġi s-sigurtà nazzjonali u proporzjonata mal-għan leġittimu mfittex, u li l-liġijiet kontra t-terroriżmu għandhom japplikaw biss għal kontenut jew attivitajiet li neċessarjament u direttament jimplikaw l-użu jew it-theddid ta' vjolenza bl-intenzjoni li tinxtered il-biża' u jiġi pprovokat it-terrur;

Or. en

Emenda 384
Moritz Körner, Hilde Vautmans, Nikola Minchev, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Chloé Ridel, Abir Al-Sahlani, Alessandro Zan, Fabienne Keller, Lucia Yar, Irena Joveva, Daniel Freund
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Sophie Wilmès

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-indipendenza tal-korpi nazzjonali ta' sorveljanza sabiex jiżguraw ir-riżorsi u l-libertà mill-interferenza politika; jisħaq fuq l-importanza tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-promozzjoni tal-obbligu ta' rendikont u fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali; jiddeplora r-restrizzjonijiet fuq l-attività tas-soċjetà ċivili f'xi Stati Membri;

Or. en

Emenda 385
Alessandro Zan, Cecilia Strada, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Marco Tarquinio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jenfasizza bil-qawwa li l-istat tad-dritt huwa prekundizzjoni għall-funzjonament xieraq tad-demokraziji tagħna u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali; jiddeplora n-nuqqas ta' progress fil-politiki dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni f'xi Stati Membri; jikkundanna d-diskriminazzjoni akbar, il-mibegħda u l-vjolenza kontra gruppi speċifiċi ta' persuni fi Stati Membri differenti, b'mod partikolari l-Italja, l-Ungerija, is-Slovakkja, il-Bulgarija u r-

Rumanija;

Or. en

Emenda 386
Ana Catarina Mendes, Chloé Ridel, Sandro Ruotolo, Francisco Assis, Hannes Heide, Pina Picierno, Matjaž Nemec, Emma Rafowicz, Krzysztof Śmiszek, Katarina Barley, Evin Incir, Juan Fernando López Aguilar, Nacho Sánchez Amor, Marco Tarquinio, Javier Moreno Sánchez, Alessandro Zan, Isabel Serra Sánchez, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Ifakkar li l-oqfsa legali tal-Istati Membri jridu jistabbilixxu trattament legali ugwali u jippromwovu l-ugwaljanza u d-dritt tal-individwi li ma jiġux diskriminati fi proċedimenti ġudizzjarji; jistieden lill-Kummissjoni taġixxi f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn il-prinċipji; jirrikonoxxi li l-moviment liberu tal-persuni fi ħdan l-UE ma ***għandux ikun imfixkel*** minn prattiki diskriminatorji;	14. ***Jissottolinja bil-qawwa li l-istat tad-dritt huwa prekundizzjoni għall-funzjonament xieraq tad-demokraziji tagħna u l-protezzjoni tad-drittijiet individwali, abbażi tal-Artikolu 2 tat-TUE;*** ifakkar li l-oqfsa legali tal-Istati Membri jridu jistabbilixxu trattament legali ugwali u jippromwovu l-ugwaljanza u d-dritt tal-individwi li ma jiġux diskriminati fi proċedimenti ġudizzjarji; jistieden lill-Kummissjoni taġixxi f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn il-prinċipji; jirrikonoxxi li l-moviment liberu tal-persuni fi ħdan l-UE***, id-dritt li wieħed jirrisjedi b'mod liberu fit-territorju tal-UE u r-riunifikazzjoni tal-familja*** ma ***għandhomx ikunu mfixkla*** minn prattiki diskriminatorji***, u kull ċittadin għandu jgawdi minn drittijiet indaqs u jeżerċita bis-sħiħ id-drittijiet tiegħu; jistieden lill-Istati Membri jintroduċu rikonoxximent legali tal-unjonijiet omosesswali***;

Or. en

Emenda 387
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Ifakkar li l-oqfsa legali tal-Istati Membri jridu jistabbilixxu trattament legali ugwali u jippromwovu l-ugwaljanza u d-dritt tal-individwi li ma jiġux diskriminati fi proċedimenti ġudizzjarji; jistieden lill-Kummissjoni taġixxi f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn il-prinċipji; jirrikonoxxi li l-moviment liberu tal-persuni fi ħdan l-UE ma għandux ikun imfixkel minn prattiki diskriminatorji;	14. Ifakkar li l-oqfsa legali tal-Istati Membri jridu jistabbilixxu trattament legali ugwali u jippromwovu l-ugwaljanza u d-dritt tal-individwi li ma jiġux diskriminati fi proċedimenti ġudizzjarji; jistieden lill-Kummissjoni taġixxi f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn il-prinċipji; jirrikonoxxi li l-moviment liberu tal-persuni fi ħdan l-UE ma għandux ikun imfixkel minn prattiki diskriminatorji; ***jenfasizza li, meta tiġi mhedda s-sigurtà nazzjonali, bħal kif inhi s-sitwazzjoni tal-migrazzjoni strumentalizzata, l-Istati Membri jeħtieġ li jkunu jistgħu jadottaw proċeduri eċċezzjonali, inklużi restrizzjonijiet fuq il-mobbiltà transfruntiera;***

Or. fi

Emenda 388
Mariusz Kamiński, Joachim Stanisław Brudziński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Ifakkar li l-oqfsa legali tal-Istati Membri jridu jistabbilixxu trattament legali ugwali u jippromwovu l-ugwaljanza u d-dritt tal-individwi li ma jiġux diskriminati fi proċedimenti ġudizzjarji; jistieden lill-Kummissjoni taġixxi f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn il-prinċipji; jirrikonoxxi li l-moviment liberu tal-persuni fi ħdan l-UE ma għandux ikun imfixkel minn prattiki diskriminatorji;	14. Ifakkar li l-oqfsa legali tal-Istati Membri jridu jistabbilixxu trattament legali ugwali u jippromwovu l-ugwaljanza u d-dritt tal-individwi li ma jiġux diskriminati fi proċedimenti ġudizzjarji; jistieden lill-Kummissjoni taġixxi f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn il-prinċipji; jirrikonoxxi li l-moviment liberu tal-persuni fi ħdan l-UE ma għandux ikun imfixkel minn prattiki diskriminatorji; ***jistieden lill-Kummissjoni teżamina jekk ir-restrizzjonijiet fuq id-dħul fiż-żona Schengen, inkluż il-kontrolli permanenti de facto fil-fruntieri tal-Ġermanja, humiex ekwivalenti għal tfassil ta' profil***

abbażi tan-nazzjonalità;

Or. pl

Emenda 389
Nicolas Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Ifakkar li l-oqfsa legali tal-Istati Membri jridu jistabbilixxu trattament legali ugwali u jippromwovu l-ugwaljanza u d-dritt tal-individwi li ma jiġux diskriminati fi proċedimenti ġudizzjarji; ***jistieden lill-Kummissjoni taġixxi f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn il-prinċipji; jirrikonoxxi li l-moviment liberu tal-persuni fi ħdan l-UE ma għandux ikun imfixkel minn prattiki diskriminatorji;***	14. Ifakkar li l-oqfsa legali tal-Istati Membri jridu jistabbilixxu trattament legali ugwali u jippromwovu l-ugwaljanza u d-dritt tal-individwi li ma jiġux diskriminati fi proċedimenti ġudizzjarji;

Or. fr

Emenda 390
Paolo Inselvini, Alessandro Ciriani

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Ifakkar li l-oqfsa legali tal-Istati Membri jridu jistabbilixxu trattament legali ugwali u jippromwovu l-ugwaljanza u d-dritt tal-individwi li ma jiġux diskriminati fi proċedimenti ġudizzjarji; jistieden lill-Kummissjoni taġixxi f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn il-prinċipji; jirrikonoxxi li l-moviment liberu tal-persuni fi ħdan l-UE ma għandux ikun imfixkel minn prattiki diskriminatorji;	14. Ifakkar li l-oqfsa legali tal-Istati Membri jridu jistabbilixxu trattament legali ugwali u jippromwovu l-ugwaljanza u d-dritt tal-individwi li ma jiġux diskriminati fi proċedimenti ġudizzjarji; jistieden lill-Kummissjoni taġixxi f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn il-prinċipji; jirrikonoxxi li l-moviment liberu tal-persuni fi ħdan l-UE ma għandux ikun imfixkel minn prattiki diskriminatorji***, filwaqt li madankollu jiġu rrispettati bis-sħiħ il-kwistjonijiet u s-sitwazzjonijiet li,***

bis-saħħa tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, huma r-responsabbiltà tal-Istati Membri;

Or. it

Emenda 391
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Fabienne Keller, Sophie Wilmès, Moritz Körner, Abir Al-Sahlani, Sigrid Friis, Lucia Yar

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Ifakkar li l-oqfsa legali tal-Istati Membri jridu jistabbilixxu trattament legali ugwali u jippromwovu l-ugwaljanza u d-dritt tal-individwi li ma jiġux diskriminati fi proċedimenti ġudizzjarji; jistieden lill-Kummissjoni taġixxi f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn il-prinċipji; jirrikonoxxi li l-moviment liberu tal-persuni fi ħdan l-UE ma għandux ikun imfixkel minn prattiki diskriminatorji;	14. Ifakkar li l-oqfsa legali tal-Istati Membri jridu jistabbilixxu trattament legali ugwali u jippromwovu l-ugwaljanza u d-dritt tal-individwi li ma jiġux diskriminati fi proċedimenti ġudizzjarji***; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' liġijiet kontra d-diskriminazzjoni***; jistieden lill-Kummissjoni taġixxi f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn il-prinċipji; jirrikonoxxi li l-moviment liberu tal-persuni fi ħdan l-UE ma għandux ikun imfixkel minn prattiki diskriminatorji;

Or. en

Emenda 392
Moritz Körner, Hilde Vautmans, Nikola Minchev, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Chloé Ridel, Abir Al-Sahlani, Alessandro Zan, Fabienne Keller, Lucia Yar, Irena Joveva, Isabel Wiseler-Lima
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Sophie Wilmès

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Ifakkar li l-oqfsa legali tal-Istati Membri jridu jistabbilixxu trattament legali ugwali u jippromwovu l-ugwaljanza u d-	14. Ifakkar li l-oqfsa legali tal-Istati Membri jridu jistabbilixxu trattament legali ugwali u jippromwovu l-ugwaljanza u d-

dritt tal-individwi li ma jiġux diskriminati fi proċedimenti ġudizzjarji; jistieden lill-Kummissjoni taġixxi f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn il-prinċipji; jirrikonoxxi li l-moviment liberu tal-persuni fi ħdan l-UE ma għandux ikun imfixkel minn prattiki diskriminatorji;	dritt tal-individwi li ma jiġux diskriminati fi proċedimenti ġudizzjarji; jistieden lill-Kummissjoni taġixxi f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn il-prinċipji; jirrikonoxxi li l-moviment liberu tal-persuni fi ħdan l-UE ma għandux ikun imfixkel minn prattiki diskriminatorji; ***jikkundanna d-diskors ta' mibegħda kontra gruppi ta' minoranza;***

Or. en

Emenda 393
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. ***Ifakkar*** li ***l-oqfsa*** legali tal-Istati Membri ***jridu*** jistabbilixxu trattament ***legali*** ugwali ***u jippromwovu l-ugwaljanza*** u d-dritt tal-individwi li ma jiġux diskriminati fi proċedimenti ġudizzjarji; ***jistieden lill-Kummissjoni taġixxi f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn il-prinċipji***; jirrikonoxxi li l-moviment liberu ***tal-persuni*** fi ħdan l-UE ma għandux ikun imfixkel minn prattiki diskriminatorji;	14. ***Jieħu nota*** li ***s-sistemi*** legali tal-Istati Membri jistabbilixxu ***b'mod wiesa' l-prinċipju ta'*** trattament ugwali u d-dritt tal-individwi li ma jiġux diskriminati**,** ***mhux biss*** fi proċedimenti ġudizzjarji; jirrikonoxxi li l-moviment liberu ***taċ-ċittadini tal-UE*** fi ħdan l-UE ma għandux ikun imfixkel minn prattiki diskriminatorji;

Or. sk

Emenda 394
Emma Rafowicz, Chloé Ridel, Birgit Sippel, Krzysztof Śmiszek, Hannes Heide

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jinnota bi tħassib l-użu akbar u mifrux tal-intelliġenza artifiċjali għal finijiet ta' sigurtà nazzjonali u infurzar

tal-liġi madwar l-Unjoni Ewropea kollha; ifakkar f'dan il-kuntest l-opinjoni tal-Kummissjoni Konsultattiva Nazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem[2a] ta' Franza dwar l-użu ta' sistema ta' sorveljanza bil-vidjow algoritmika mill-awtoritajiet Franċiżi u r-riskji assoċjati mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali; jisħaq li n-nuqqas ta' kontroll, it-trasparenza u l-involviment mingħajr preċedent ta' atturi privati bħal żviluppaturi tas-software fl-eżerċitar tal-kompitu sovran tal-ġestjoni tal-ordni pubbliku huwa suġġett ta' tħassib; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea ssaħħaħ l-acquis tal-UE f'dan il-qasam sabiex tipprevjeni s-sorveljanza tal-massa u d-diskriminazzjoni permezz tal-użu tagħha; ifakkar ukoll u jissottolinja l-każistika kollha tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja dwar is-sorveljanza u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, kif ukoll it-test rigoruż tan-neċessità u l-proporzjonalità fil-leġiżlazzjoni kollha li jillimita d-drittijiet fundamentali;

[2a] Il-Kummissjoni Konsultattiva Nazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (CNCDH) hija l-istituzzjoni Franċiża għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, akkreditata għan-Nazzjonijiet Uniti.

Or. en

Emenda 395
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Robert Biedroń, Katarina Barley, Cecilia Strada, Klára Dobrev, Csaba Molnár, Emma Rafowicz, Alessandro Zan, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jinnota li s-sena 2024 rat żieda allarmanti fir-reati ta' mibegħda u fid-

diskors ta' mibegħda mmirat lejn individwi LGBTIQ+ f'diversi Stati Membri, iggravata minn retorika politika u infurzar insuffiċjenti tal-liġijiet kontra d-diskriminazzjoni; jesprimi dispjaċir għall-fatt li minkejja l-oqfsa eżistenti tal-UE, bħad-Direttiva 2000/78/KE dwar l-ugwaljanza fit-trattament, għad hemm lakuni fl-implimentazzjoni li jħallu lill-vittmi mingħajr rikors legali xieraq; jinsab mħasseb li r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt osserva li xi Stati Membri naqsu milli jressqu r-reati ta' mibegħda b'mod effettiv jew milli jipprovdu biżżejjed appoġġ lill-vittmi, li jimmina l-fiduċja fis-sistemi ġudizzjarji u jwassal għal inugwaljanza quddiem il-liġi;

Or. en

Emenda 396
Alessandro Zan, Cecilia Strada, Sandro Ruotolo, Pina Picierno

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jikkundanna l-miżuri u l-istruzzjonijiet li nħarġu mill-Gvern Taljan li jintroduċu restrizzjonijiet fuq id-drittijiet tal-ġenituri, jipprojbixxu r-reġistrazzjoni taċ-ċertifikati tat-twelid għal tfal ta' koppji tal-istess sess; jirrikonoxxi li dawn id-deċiżjonijiet jagħmlu ħsara diretta mhux biss lil ġenituri tal-istess iżda wkoll lill-aħjar interessi tal-wild; iqis dawn jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet tat-tfal kif deskritt fil-Konvenzjoni tan-NU tal-1989 dwar id-Drittijiet tat-Tfal; jenfasizza li dawn id-deċiżjonijiet huma parti minn kampanja usa' kontra l-LGBTQIA+ immexxija mill-Gvern Taljan; iħeġġeġ lill-Gvern Taljan jirrevoka immedjatament id-deċiżjonijiet

tiegħu;

Or. en

Emenda 397
Chloé Ridel, Emma Rafowicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jistieden lill-Istati Membri jinvestigaw bir-reqqa kwalunkwe każ ta' użu ta' forza eċċessiva jew trattament diskriminatorju mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, jiġifieri b'mod partikolari fi Franza, u jiżguraw garanziji sistemiċi kontra tali abbużi; jinnota bi tħassib l-użu akbar ta' detenzjoni amministrattiva biex jiġi pprevenut li n-nies jipparteċipaw fil-protesti; jesprimi dispjaċir għall-fatt li r-restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' għaqda, espressjoni u assoċjazzjoni u l-użu ta' forza eċċessiva jaffettwaw b'mod sproporzjonat lill-minoranzi, lit-tfal u lin-nisa;

Or. en

Emenda 398
Ana Catarina Mendes, Chloé Ridel, Sandro Ruotolo, Francisco Assis, Hannes Heide, Pina Picierno, Matjaž Nemec, Emma Rafowicz, Krzysztof Śmiszek, Katarina Barley, Evin Incir, Juan Fernando López Aguilar, Nacho Sánchez Amor, Marco Tarquinio, Javier Moreno Sánchez, Alessandro Zan, Daniel Freund, Isabel Serra Sánchez, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent tal-paternità bejn l-Istati

Membri; jistieden lill-Kunsill jiżblokka n-negozjati bl-għan li jintlaħaq ftehim malajr; ifakkar fl-Opinjoni tal-Parlament Ewropew li tappoġġja r-rikonoxximent tal-paternità madwar l-UE kollha, irrispettivament minn kif jiġi konċeput u jitwieled wild jew it-tip ta' familja li jkollu;

Or. en

Emenda 399
Romana Tomc

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jisħaq li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jirċievu fondi Ewropej sostanzjali mill-baġits nazzjonali tal-Istati Membri; jinsab imħasseb li dawn il-fondi jistgħu jiġu allokati b'mod li jmur kontra l-objettivi maħsuba tal-Fondi Ewropej jew jimminawhom; jappella għal trasparenza shiha fl-infiq ta' flus il-kontribwenti;

Or. en

Emenda 400
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Robert Biedroń, Katarina Barley, Cecilia Strada, Klára Dobrev, Csaba Molnár, Alessandro Zan, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Ifakkar li fl-2024, diversi Stati Membri komplew jimplimentaw jew iżommu fis-seħħ liġijiet u politiki li jimminaw id-drittijiet ta' individwi LGBTIQ+ u dan imur kontra l-prinċipji

tal-UE ta' ugwaljanza u nondiskriminazzjoni; ifakkar li dan jinkludi restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' espressjoni u għaqda għall-gruppi LGBTIQ+, kif ukoll ostakli legali għar-rikonoxximent ta' unjonijiet jew paternità omosesswali bejn il-fruntieri; iwissi li tali prattiki mhux biss ixekklu l-moviment liberu tal-familji LGBTIQ+ fl-UE iżda jiksru wkoll id-drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; jistieden lill-Kummissjoni tidentifika dawn il-kwistjonijiet bħal ksur sinifikanti tal-prinċipji tal-istat tad-dritt, li jenfasizza nuqqas ta' protezzjoni uniformi għall-individwi LGBTIQ+ fl-Istati Membri;

Or. en

Emenda 401
Alessandro Zan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent tal-paternità bejn l-Istati Membri; ifakkar fl-Opinjoni tal-Parlament li tappoġġja r-rikonoxximent tal-paternità madwar l-UE kollha, irrispettivament minn kif jiġi konċeput u jitwieled wild jew it-tip ta' familja li jkollu; jistieden lill-Kunsill jindirizza bis-sħiħ dawn ir-rakkomandazzjonijiet u jipproteġi d-drittijiet fundamentali tat-tfal, jaġixxi fl-aħjar interessi tal-wild, iżid iċ-ċertezza legali u jnaqqas id-diskriminazzjoni kontra tfal ta' ġenituri tal-istess sess;

Or. en

Emenda 402
Ana Catarina Mendes, Chloé Ridel, Sandro Ruotolo, Francisco Assis, Hannes Heide, Pina Picierno, Matjaž Nemec, Emma Rafowicz, Krzysztof Śmiszek, Katarina Barley, Evin Incir, Alessandro Zan, Daniel Freund, Isabel Serra Sánchez, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Iħeġġeġ projbizzjoni fl-UE fuq prattiki vinkolanti ta' konverżjoni fi kwalunkwe Stat Membru; jisħaq fuq l-importanza tal-awtodeterminazzjoni tal-persuni LGBTQIA+ u jappella għall-protezzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa fiżika u mentali tal-persuni LGBTQIA+;

Or. en

Emenda 403
Alessandro Zan, Cecilia Strada, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Marco Tarquinio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14c. Jinsab imħasseb ħafna dwar il-miżuri diskriminatorji introdotti fil-Bulgarija u l-Ungerija, u proposti fis-Slovakkja, kontra l-ħekk imsejħa "propaganda tal-LGBTQIA+", kif ukoll ir-riżoluzzjoni approvata mill-Kamra tad-Deputati Taljana kontra l-ħekk imsejħa "ideoloġija tal-ġeneru"; jenfasizza l-impatt negattiv tagħhom fuq it-tfal, il-familji u l-ħaddiema; jenfasizza li dawn l-azzjonijiet iħeġġu d-diskriminazzjoni kontra l-individwi LGBTQIA+ u jiksru r-regolamenti u l-prinċipji tal-UE;

Or. en

Emenda 404

Nicolas Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jestendu l-bażi legali tal-UE f'dan il-qasam u jressqu proposta dwar ir-reati u d-diskors ta' mibegħda; jistieden lill-Kunsill jadotta d-Direttiva 2008/140[42] ;	***imħassar***

[42] Il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426).

Or. fr

Emenda 405
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jestendu l-bażi legali tal-UE f'dan il-qasam u jressqu proposta dwar ir-reati u d-diskors ta' mibegħda; jistieden lill-Kunsill jadotta d-Direttiva 2008/140[42];	***imħassar***

[42] l-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426).

Or. fi

Emenda 406
Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers, Malika Sorel, Fabrice Leggeri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jestendu l-bażi legali tal-UE f'dan il-qasam u jressqu proposta dwar ir-reati u d-diskors ta' mibegħda; jistieden lill-Kunsill jadotta d-Direttiva 2008/140[42] ;	***imħassar***
[42] Il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426).	

Or. en

Emenda 407
Ewa Zajączkowska-Hernik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jestendu l-bażi legali tal-UE f'dan il-qasam u jressqu proposta dwar ir-reati u d-diskors ta' mibegħda; jistieden lill-Kunsill jadotta d-Direttiva 2008/140[42] ;	***imħassar***
[42] Il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-	

orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426).

Or. en

Emenda 408
Daniel Freund, Alice Kuhnke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jestendu l-bażi legali tal-UE f'dan il-qasam u jressqu proposta dwar ir-reati u d-diskors ta' mibegħda; ***jistieden*** lill-Kunsill jadotta d-Direttiva ***2008/140***[42];	15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jestendu l-bażi legali tal-UE f'dan il-qasam u jressqu proposta dwar ir-reati u d-diskors ta' mibegħda; ***jiddeplora l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tirtira l-proposta għal Direttiva Orizzontali kontra d-Diskriminazzjoni***[42] ***u jħeġġeġ*** lill-Kunsill jadotta d-Direttiva ***mingħajr aktar dewmien***;
[42] Il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426).	***[42] Il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426).***

Or. en

Emenda 409
Mary Khan, Christine Anderson, Milan Uhrík

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. ***Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jestendu l-bażi legali tal-UE f'dan il-qasam u jressqu*** proposta dwar ir-reati u d-diskors ta' mibegħda; ***jistieden lill-Kunsill jadotta d-Direttiva 2008/140***[42];	15. ***Jirrifjuta kwalunkwe*** proposta ***tal-Kummissjoni*** dwar ir-reati u d-diskors ta' mibegħda;

*[42] **Il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426).***

Or. en

Emenda 410
Mariusz Kamiński, Joachim Stanisław Brudziński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jestendu l-bażi legali tal-UE*** f'dan il-qasam ***u jressqu proposta dwar ir-reati u d-diskors*** ta' mibegħda; ***jistieden lill-Kunsill jadotta d-Direttiva*** 2008/140[42];	15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jirrieżaminaw il-qafas regolatorju*** f'dan il-qasam***, u jirrispettaw il-libertà tal-kelma u l-libertà tal-espressjoni; jopponi l-introduzzjoni taċ-ċensura fil-forma ta' kastigi għal "diskors*** ta' mibegħda***" u l-analiżi fil-kuntest tad-Direttiva*** 2008/140[42];
[42] Il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426).	[42] Il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426).

Or. pl

Emenda 411
Alessandro Zan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jestendu l-bażi legali tal-UE f'dan il-qasam u jressqu proposta dwar ir-reati u d-diskors ta' mibegħda; jistieden lill-Kunsill jadotta d-Direttiva 2008/140[42] ;	15. ***Jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi miġġielda kull tip ta' diskriminazzjoni u*** jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jestendu l-bażi legali tal-UE f'dan il-qasam u jressqu proposta dwar ir-reati u d-diskors ta' mibegħda; jistieden lill-Kunsill jadotta d-Direttiva 2008/140[42] ;
[42] Il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426).	[42] Il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426).

Or. en

Emenda 412
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni ***u lill-Istati*** Membri ***jestendu l-bażi legali tal-UE*** f'dan il-qasam ***u jressqu proposta dwar ir-reati u d-diskors ta' mibegħda***; ***jistieden lill-Kunsill jadotta d-Direttiva 2008/140[42]***;	15. Jistieden lill-Kummissjoni ***tirrispetta bis-sħiħ id-diviżjoni eżistenti tal-kompetenzi bejn l-UE u l-Istati*** Membri ***tagħha*** f'dan il-qasam;
[42] Il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426).	

Or. sk

Emenda 413

Emmanuel Fragkos, Geadis Geadi, Galato Alexandraki

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jestendu l-bażi legali tal-UE f'dan il-qasam u jressqu proposta dwar ir-reati u d-diskors ta' mibegħda; ***jistieden lill-Kunsill jadotta d-Direttiva 2008/140[42];***	15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jestendu l-bażi legali tal-UE f'dan il-qasam u jressqu proposta dwar ir-reati u d-diskors ta' mibegħda;

[42] Il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426).

Or. el

Emenda 414
Moritz Körner, Hilde Vautmans, Nikola Minchev, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Chloé Ridel, Abir Al-Sahlani, Alessandro Zan, Fabienne Keller, Lucia Yar, Irena Joveva, Isabel Wiseler-Lima, Daniel Freund
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Sophie Wilmès

	18a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tkompli bl-isforzi tagħha fil-monitoraġġ u r-rapportar dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt madwar l-UE kollha, b'attenzjoni partikolari dwar kif il-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt jaffettwa s-Suq Uniku; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża l-għodod legali disponibbli kollha biex tindirizza nuqqasijiet fl-istat tad-dritt, inkluż billi tniedi proċeduri ta' ksur meta jkunu meħtieġa, ħalli tippreżerva l-funzjonament tas-suq intern;

Or. en

Emenda 477
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jappella għat-tisħiħ tal-prinċipju

	tal-istat tad-dritt fis-suq intern; jissottolinja li strutturi tal-istat tad-dritt affidabbli u stabbli huma pilastri ewlenin għall-investiment u l-kummerċ li huma essenzjali għall-kompetittività u għalhekk għall-kapaċità tas-sistema ta' protezzjoni soċjali u tas-suq tax-xogħol fl-Unjoni Ewropea; jesprimi dispjaċir għall-miżuri tal-Istati Membri f'dan il-qasam li jiksru d-dritt tal-Unjoni, bħal ċerti miżuri protezzjonisti;

Or. en

Emenda 478
Klára Dobrev, Csaba Molnár, Birgit Sippel, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 5a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, f'konformità mal-Prinċipji ta' Pariġi tan-NU, biex jiggarantixxu l-indipendenza tagħhom u jiżguraw li għandhom il-kapaċità jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv;

Or. en

Emenda 479
András László

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza l-importanza li għandu l-istat tad-dritt biex jiżgura l-funzjonament tas-suq uniku u jafferma mill-ġdid li s-sistemi ġudizzjarji, l-oqfsa effettivi kontra l-korruzzjoni u l-	***imħassar***

protezzjoni tal-libertà tal-media huma kruċjali għall-kompetizzjoni ġusta, iċ-ċertezza legali u l-fiduċja fost l-operaturi ekonomiċi[43] ;

[43] Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Lulju 2024 bit-titolu "Ir-rapport 2024 dwar l-istat tad-dritt", (COM(2024)0800), p. 5.

Or. en

Emenda 480
Ioan-Rareş Bogdan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza l-importanza li għandu l-istat tad-dritt biex jiżgura l-funzjonament tas-suq uniku u jafferma mill-ġdid li s-sistemi ġudizzjarji, l-oqfsa effettivi kontra l-korruzzjoni u l-protezzjoni tal-libertà tal-media huma kruċjali ***għall-kompetizzjoni*** ġusta, ***iċ-ċertezza*** legali u ***l-fiduċja*** fost l-operaturi ekonomiċi[43];	19. Jenfasizza l-importanza li għandu l-istat tad-dritt biex jiżgura l-funzjonament ***bla xkiel u effiċjenti*** tas-suq uniku u jafferma mill-ġdid li s-sistemi ġudizzjarji ***li jiffunzjonaw tajjeb***, l-oqfsa effettivi kontra l-korruzzjoni u l-protezzjoni ***b'saħħitha*** tal-libertà tal-media huma kruċjali ***għaż-żamma tal-kompetizzjoni*** ġusta, ***iż-żamma taċ-ċertezza*** legali u ***t-trawwim*** tal-fiduċja fost l-operaturi ekonomiċi[43]; ***jenfasizza li dawn l-elementi mhux biss jissalvagwardjaw l-integrità tal-interazzjonijiet tas-suq iżda wkoll jikkontribwixxu għal ambjent tan-negozju stabbli u prevedibbli u jħeġġu l-investimenti u t-tkabbir ekonomiku;***
[43] Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Lulju 2024 bit-titolu "Ir-rapport 2024 dwar l-istat tad-dritt", (COM(2024)0800), p. 5.	[43] Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Lulju 2024 bit-titolu "Ir-rapport 2024 dwar l-istat tad-dritt", (COM(2024)0800), p. 5.

Or. en

Emenda 481
Mariusz Kamiński, Joachim Stanisław Brudziński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza l-importanza li għandu l-istat tad-dritt biex jiżgura l-funzjonament tas-suq uniku u jafferma mill-ġdid li s-sistemi ġudizzjarji, l-oqfsa effettivi kontra l-korruzzjoni u l-protezzjoni tal-libertà tal-media huma kruċjali għall-kompetizzjoni ġusta, iċ-ċertezza legali u l-fiduċja fost l-operaturi ekonomiċi[43];	19. Jenfasizza l-importanza li għandu l-istat tad-dritt, ***inkluż sistema tal-ġustizzja b'saħħitha,*** biex jiżgura l-funzjonament tas-suq uniku ***u l-funzjonament tal-ekonomija tas-suq,*** u jafferma mill-ġdid li s-sistemi ġudizzjarji, l-oqfsa effettivi kontra l-korruzzjoni u l-protezzjoni tal-libertà tal-media huma kruċjali għall-kompetizzjoni ġusta, iċ-ċertezza legali u l-fiduċja fost l-operaturi ekonomiċi[43];
[43] Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Lulju 2024 bit-titolu "Ir-rapport 2024 dwar l-istat tad-dritt", (COM(2024)0800), p. 5.	[43] Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Lulju 2024 bit-titolu "Ir-rapport 2024 dwar l-istat tad-dritt", (COM(2024)0800), p. 5.

Or. pl

Emenda 482
Birgit Sippel, Klára Dobrev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza l-importanza li għandu l-istat tad-dritt biex jiżgura l-funzjonament tas-suq uniku u jafferma mill-ġdid li s-sistemi ġudizzjarji, l-oqfsa effettivi kontra l-korruzzjoni u l-protezzjoni tal-libertà tal-media huma kruċjali għall-kompetizzjoni ġusta, iċ-ċertezza legali u l-fiduċja fost l-operaturi ekonomiċi[43] ;	19. Jenfasizza l-importanza li għandu l-istat tad-dritt biex jiżgura l-funzjonament tas-suq uniku u jafferma mill-ġdid li s-sistemi ġudizzjarji ***indipendenti***, l-oqfsa effettivi kontra l-korruzzjoni u l-protezzjoni tal-libertà tal-media huma kruċjali għall-kompetizzjoni ġusta, iċ-ċertezza legali u l-fiduċja fost l-operaturi ekonomiċi;

[43] Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Lulju 2024 bit-titolu "Ir-rapport 2024 dwar l-istat tad-dritt", (COM(2024)0800), p. 5.

[43] Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Lulju 2024 bit-titolu "Ir-rapport 2024 dwar l-istat tad-dritt", (COM(2024)0800), p. 5.

Or. en

Emenda 483
Michał Wawrykiewicz, Ana Catarina Mendes, Moritz Körner, Sophie Wilmès

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 5a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jenfasizza li strutturi tal-istat tad-dritt affidabbli u stabbli huma pilastri ewlenin għall-investiment u l-kummerċ, li huma essenzjali għall-kompetittività u, għalhekk, għall-kapaċità tas-sistema ta' protezzjoni soċjali u tas-suq tax-xogħol fl-Unjoni Ewropea; jisħaq li l-ksur sistematiku tal-istat tad-dritt jimmina ċ-ċertezza legali, jiskoraġġixxi l-investiment u jifframmenta s-suq intern, u b'hekk idgħajjef l-istabbiltà ekonomika kumplessiva tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tintegra d-dimensjoni ekonomika tal-istat tad-dritt b'mod aktar espliċitu fil-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tagħha, billi tiżgura li l-konformità tal-Istati Membri mal-prinċipji tal-istat tad-dritt tiġi vvalutata mhux biss minn perspettiva demokratika u ġudizzjarja iżda wkoll f'termini tal-impatt ekonomiku tagħha fuq is-Suq Uniku u l-istabbiltà finanzjarja;

Or. en

Emenda 484
Daniel Freund

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Ifakkar li, fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattati, kwalunkwe diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità hija pprojbita f'konformità mal-Karta, u li l-libertà tal-istabbiliment, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-moviment liberu tal-kapital huma libertajiet fundamentali tas-suq uniku; jissottolinja li r-regoli dwar l-ugwaljanza fit-trattament jipprojbixxu diskriminazzjoni ċara u moħbija minħabba n-nazzjonalità jew, fil-każ ta' kumpanija, is-sede tagħha; ifakkar fil-kundanna tiegħu tal-prattiki sistemiċi diskriminatorji, mhux trasparenti u inġusti rrapportati kontra kumpaniji f'ċerti Stati Membri u l-użu tal-fondi tal-UE biex jarrikkixxu l-alleati politiċi tal-gvern, li jmorru kontra r-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni u l-akkwist pubbliku;

Or. en

Emenda 485
Ana Catarina Mendes, Chloé Ridel, Sandro Ruotolo, Francisco Assis, Hannes Heide, Pina Picierno, Matjaž Nemec, Emma Rafowicz, Krzysztof Śmiszek, Katarina Barley, Evin Incir, Juan Fernando López Aguilar, Nacho Sánchez Amor, Marco Tarquinio, Javier Moreno Sánchez, Alessandro Zan, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jilqa' l-adozzjoni tad-Direttiva dwar Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva (CSDDD) fl-24 ta' Mejju 2024, li tistabbilixxi standards tad-drittijiet tal-bniedem għal kumpaniji kbar li joperaw fl-UE; jappoġġja l-isfruttament ulterjuri tas-Suq Uniku biex jiġu promossi prattiki kummerċjali responsabbli, billi jiġi żgurat li l-kumpaniji jżommu standards ambjentali, soċjali u ta'

governanza f'konformità mal-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 486
Jorge Buxadé Villalba, Malika Sorel, Fabrice Leggeri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jistieden lill-Kummissjoni żżid il-kontrolli fuq l-importazzjoni biex tiżgura li l-prodotti industrijali u agrikoli li jidħlu fl-UE minn pajjiżi terzi jissodisfaw l-istess rekwiżiti tal-kwalità u tal-produzzjoni bħal dawk li jiġu manifatturati lokalment biex tiġi evitata l-kompetizzjoni inġusta;

Or. en

Emenda 487
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Robert Biedroń, Katarina Barley, Cecilia Strada, Klára Dobrev, Csaba Molnár, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jenfasizza l-importanza li l-inugwaljanza ekonomika u l-esklużjoni soċjali jiġu indirizzati bħala theddid għall-parteċipazzjoni demokratika u l-istat tad-dritt; iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw tassazzjoni progressiva u xbieki robusti tas-sikurezza soċjali;

Or. en

Emenda 488

Moritz Körner, Malik Azmani, Dainius Žalimas, Lucia Yar, Fabienne Keller, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Michał Wawrykiewicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jissottolinja l-impatt ekonomiku negattiv li għandhom il-korruzzjoni u sistemi ġudizzjarji dgħajfa fuq il-fiduċja tal-investitur u l-kooperazzjoni transfruntiera;

Or. en

Emenda 489
Moritz Körner, Malik Azmani, Dainius Žalimas, Lucia Yar, Fabienne Keller, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová Ostrihoňová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Jinsab imħasseb li l-gvernijiet u l-istituzzjonijiet nazzjonali li ma jirnexxilhomx iżommu l-istat tad-dritt jistgħu jippermettu li tiffjorixxi mġiba antikompetittiva, jew saħansitra jistgħu jinkoraġġuha b'mod attiv għal gwadann politiku jew ekonomiku, b'hekk potenzjalment jagħmlu ħsara lill-ekonomija tal-UE u jimminaw il-ġustizzja tas-suq intern tagħha (eż. fis-settur tal-media, tal-bejgħ bl-imnut jew tal-proprjetà immobbli);

Or. en

Emenda 490
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Robert Biedroń, Katarina Barley, Cecilia Strada, Klára Dobrev, Csaba Molnár, Alessandro Zan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-protezzjonijiet għad-drittijiet tal-ħaddiema, in-negozjar kollettiv u l-libertajiet tat-trade unions bħala komponenti essenzjali għal kontrokontrolli demokratiċi; jinnota bi thassib it-tnaqqir tad-drittijiet tax-xogħol f'diversi Stati Membri;

Or. en

Emenda 491
Moritz Körner, Malik Azmani, Dainius Žalimas, Lucia Yar, Fabienne Keller, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Ana Catarina Mendes, Michał Wawrykiewicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19c. Jistieden lill-Kummissjoni tintensifika l-monitoraġġ tad-dimensjoni ekonomika tal-istat tad-dritt dwar kif nuqqasijiet sistemiċi fl-istat tad-dritt jistgħu jfixklu s-suq uniku permezz ta' kompetizzjoni inġusta, prattiki diskriminatorji jew akkwist korrott;

Or. en

Emenda 492
Moritz Körner, Malik Azmani, Dainius Žalimas, Lucia Yar, Fabienne Keller, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Michał Wawrykiewicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19d. Jitlob li, fir-rapport tagħha tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kummissjoni tinkludi kapitolu dedikat dwar id-dimensjoni tas-Suq Uniku, li jispjega kif il-ksur tal-istat tad-dritt jaffettwa l-kompetizzjoni ġusta u l-funzjonament tas-suq intern fl-Istati Membri;

Or. en

Emenda 493
Moritz Körner, Malik Azmani, Dainius Žalimas, Lucia Yar, Fabienne Keller, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová Ostrihoňová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19e. Jistenna li l-infurzar tal-liġi fil-qasam tal-kompetizzjoni jiġi integrat fil-qafas ta' monitoraġġ tal-istat tad-dritt tal-Unjoni billi jiġi stabbilit tim konġunt fid-Direttorati Ġenerali għall-Kompetizzjoni u l-Ġustizzja, bl-inkarigu li jinforza b'mod effettiv il-miżuri kontra nuqqasijiet fl-istat tad-dritt li jfixklu l-kompetizzjoni;

Or. en

Emenda 494
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottotitolu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-għodod tal-istat tad-dritt u d-dimensjoni ekonomika	***imħassar***

Or. en

Emenda 495
Moritz Körner, Hilde Vautmans, Nikola Minchev, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Lucia Yar, Irena Joveva
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Sophie Wilmès

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jistieden lill-Kummissjoni tinkorpora f'din id-dimensjoni ġdida l-kwistjonijiet kollha tal-istat tad-dritt li jaffettwaw il-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs li joperaw bejn il-fruntieri;

Or. en

Emenda 496
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jissottolinja li n-nuqqas ta' konformità u ċ-ċirkonvenzjoni tar-regolamenti Ewropej iwasslu għal tfixkil kbir tal-kompetizzjoni fis-suq intern; jappella għal enfasi aktar b'saħħitha fuq l-applikazzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar uniformi u malajr tal-leġiżlazzjoni eżistenti;

Or. en

Emenda 497
Nicolas Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa rabta diretta bejn l-istrumenti preventivi u reattivi u tniedi proċeduri ta' ksur permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tat-TUE, il-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità ġenerali u l-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali fil-Karta;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 498
Alessandro Ciriani, Paolo Inselvini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa rabta diretta bejn l-istrumenti preventivi u reattivi u tniedi proċeduri ta' ksur permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tat-TUE, il-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità ġenerali u l-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali fil-Karta;	***imħassar***

Or. it

Emenda 499
Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers, Malika Sorel, Fabrice Leggeri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa rabta diretta bejn l-istrumenti preventivi u reattivi u tniedi proċeduri ta' ksur permezz tal-applikazzjoni tal-	***imħassar***

Artikolu 7 tat-TUE, il-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità ġenerali u l-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali fil-Karta;

Or. en

Emenda 500
Daniel Freund

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa rabta diretta bejn l-istrumenti preventivi u reattivi u tniedi proċeduri ta' ksur ***permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu*** 7 tat-TUE, ***il-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità ġenerali u l-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali fil-Karta***;	20. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa rabta diretta bejn l-istrumenti preventivi u reattivi u tniedi proċeduri ta' ksur ***minnufih, bil-forza u b'mod koordinat, tapplika l-Artikolu*** 7 tat-TUE, ***ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt u d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Finanzjarju u r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni fejn ir-rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt jindika ksur tal-Istat tad-Dritt***; ***jissottolinja li kemm l-iskattar tal-istrumenti reattivi kif ukoll l-għeluq tal-proċeduri rilevanti jridu jkunu bbażati fuq il-kriterji oġġettivi tal-konformità mal-Istat tad-Dritt u d-dritt tal-Unjoni u internazzjonali kif ġie interpretat mill-korpi rilevanti aktar milli kunsiderazzjonijiet politiċi jew l-eżitu tan-negozjati;***

Or. en

Emenda 501
Mariusz Kamiński, Joachim Stanisław Brudziński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-Kummissjoni ***tkompli tiżviluppa*** rabta diretta bejn l-istrumenti preventivi u reattivi u ***tniedi proċeduri*** ta' ksur permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tat-TUE, ***il-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità ġenerali u l-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali fil-Karta***;	20. Jistieden lill-Kummissjoni ***teżamina l-bażijiet tat-Trattati għal*** rabta diretta bejn l-istrumenti preventivi u reattivi***,*** u ***żżomm lura milli testendi s-setgħat tal-UE lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattati biex tinkludi kompetenzi li l-Istati Membri qatt ma għaddewlha, bħall-organizzazzjoni tal-ġudikatura, u żżomm lura milli tabbuża mill-proċeduri għat-tnedija tal-proċeduri*** ta' ksur ***u tippolitiċizzahom*** permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tat-TUE, ***li huwa l-uniku mekkaniżmu tat-Trattat għas-salvagwardja tal-valuri***; ***jissottolinja l-fatt li t-Trattati ma jipprovdux xi bażi legali li tintitola lill-istituzzjonijiet joħolqu mekkaniżmu ġdid għall-monitoraġġ tal-konformità mal-istat tad-dritt mill-Istati Membri***;
	Or. pl

Emenda 502
Ana Catarina Mendes, Chloé Ridel, Sandro Ruotolo, Francisco Assis, Hannes Heide, Pina Picierno, Matjaž Nemec, Emma Rafowicz, Krzysztof Śmiszek, Katarina Barley, Evin Incir, Juan Fernando López Aguilar, Nacho Sánchez Amor, Marco Tarquinio, Javier Moreno Sánchez, Alessandro Zan, Moritz Körner, Michał Wawrykiewicz, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa rabta diretta bejn l-istrumenti preventivi u reattivi u tniedi proċeduri ta' ksur permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tat-TUE, il-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità ġenerali u l-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali fil-Karta;	20. ***Jilqa' l-għodod preventivi fis-sett ta' għodod tal-istat tad-dritt, bħaċ-ċiklu annwali tal-istat tad-dritt, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE, is-Semestru Ewropew, il-fondi tal-UE biex tiġi appoġġjata s-soċjetà ċivili, in-networks ġudizzjarji, il-pluraliżmu tal-media u l-libertà u l-introduzzjoni ta' stadji importanti tal-istat tad-dritt fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;*** jistieden lill-Kummissjoni tkompli

tiżviluppa rabta diretta bejn l-istrumenti preventivi u reattivi u tniedi proċeduri ta' ksur permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tat-TUE, il-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità ġenerali u l-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali fil-Karta;

Or. en

Emenda 503
András László

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. ***Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa rabta diretta bejn l-istrumenti preventivi u reattivi u tniedi proċeduri ta' ksur permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tat-TUE, il-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità ġenerali u l-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali fil-Karta***;	20. ***Jenfasizza li dan ir-rapport ma jistax iservi bħala bażi għal xi mekkaniżmu u proċedura ulterjuri tal-UE***;

Or. en

Emenda 504
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-Kummissjoni ***tkompli tiżviluppa rabta diretta bejn l-istrumenti preventivi u reattivi u tniedi proċeduri ta' ksur permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tat-TUE, il-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità ġenerali u l-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali fil-Karta***;	20. Jistieden lill-Kummissjoni ***tuża l-istrumenti u l-mekkaniżmi eżistenti biex tipproteġi l-istat tad-dritt u żżomm lura milli toħloq strumenti ġodda u duplikati***;

Or. sk

Emenda 505
Chloé Ridel, Jean-Marc Germain, Emma Rafowicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa rabta diretta bejn l-istrumenti preventivi u reattivi u tniedi proċeduri ta' ksur permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tat-TUE, il-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità ġenerali u ***l-kundizzjonijiet*** abilitanti orizzontali fil-Karta;	20. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa rabta diretta bejn l-istrumenti preventivi u reattivi u tniedi proċeduri ta' ksur permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tat-TUE, il-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità ġenerali u ***saffi oħra tal-protezzjoni tal-baġit tal-UE inkluż il-kundizzjonijiet*** abilitanti orizzontali fil-Karta;

Or. en

Emenda 506
Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa rabta diretta bejn l-istrumenti preventivi u reattivi u tniedi proċeduri ta' ksur permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tat-TUE, il-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità ġenerali u l-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali fil-Karta;	20. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa rabta diretta bejn l-istrumenti preventivi u reattivi u tniedi proċeduri ta' ksur permezz tal-applikazzjoni ***immedjata*** tal-Artikolu 7 tat-TUE, il-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità ġenerali u l-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali fil-Karta;

Or. en

Emenda 507
Mariusz Kamiński, Joachim Stanisław Brudziński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jikkundanna l-mod politiku sfaċċat li bih qed jintuża l-Artikolu 7 tat-TUE biex jiġu rkattati l-Istati Membri u b'hekk jiġu ssodisfati l-objettivi politiċi ta' ċerti Stati Membri oħra u setgħat politiċi u s-setgħat tal-UE jiġu estiżi lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattati; jesprimi dispjaċir għan-nuqqas ta' tnedija ġustifikata ta' proċedura fl-ambitu tal-Artikolu 7 tat-TUE kontra l-Polonja, u l-użu sussegwenti tagħha biex issir il-politika; jinnota bi stmerrija li l-proċedura kontra l-Polonja ngħalqet immedjatament wara l-elezzjonijiet parlamentari fil-Polonja u immedjatament qabel l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u din il-mossa, minkejja t-tentattivi ta' rikatt fil-konfront tal-gvern preċedenti, ma kinitx preċeduta mill-adozzjoni ta' xi emenda leġiżlattiva ta' kwalunkwe tip, li hija indikazzjoni ċara li l-użu tal-allegat ksur tal-istat tad-dritt għandu dimensjoni politika;

Or. pl

Emenda 508
Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers, Malika Sorel, Fabrice Leggeri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jistieden lill-Kummissjoni toqgħod lura milli tuża l-iżborż tal-fondi tal-UE bħala arma politika biex tinterferixxi fil-proċessi demokratiċi tal-Istati Membri; jisħaq f'dan ir-rigward fuq l-importanza ta' qafas legali b'saħħtu biex jiġu pprevenuti l-korruzzjoni u l-

miżappropriazzjoni tal-fondi tal-UE u li jiġi applikat b'mod ugwali fl-Istati Membri kollha;

Or. en

Emenda 509
Ana Catarina Mendes, Chloé Ridel, Sandro Ruotolo, Francisco Assis, Hannes Heide, Pina Picierno, Matjaž Nemec, Emma Rafowicz, Krzysztof Śmiszek, Katarina Barley, Evin Incir, Juan Fernando López Aguilar, Nacho Sánchez Amor, Marco Tarquinio, Javier Moreno Sánchez, Alessandro Zan, Michał Wawrykiewicz, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li kien hemm progress fil-proċedura kontinwa tal-Artikolu 7(1) tat-TUE; jinsisti li fil-proċedimenti kollha relatati mal-Artikolu 7 tat-TUE, il-Parlament għandu jkun jista' jippreżenta l-proposta motivata tiegħu lill-Kunsill, jattendi s-seduti ta' smigħ tal-Artikolu 7 tat-TUE u jkun infurmat minnufih u bis-sħiħ f'kull stadju tal-proċedura;

Or. en

Emenda 510
Moritz Körner, Malik Azmani, Dainius Žalimas, Lucia Yar, Fabienne Keller, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Michał Wawrykiewicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jiddeplora li l-Kunsill ma għandux proċedimenti avvanzati tal-Artikolu 7 tat-TUE li għaddejjin bħalissa biex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa tat-Trattati, u dan idgħajjef il-kredibbiltà tal-

UE fiż-żamma tal-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 511
Alessandro Ciriani, Paolo Inselvini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jissottolinja li l-proċeduri msemmija fl-Artikolu 7 tat-TEU huma maħsuba biex jipproteġu l-valuri tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tapplika l-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità b'mod ekwu, trasparenti u imparzjali;

Or. it

Emenda 512
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jistieden lill-Kummissjoni "iżżid dimensjoni tas-Suq Uniku fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt biex tindirizza l-kwistjonijiet tal-istat tad-dritt li jaffettwaw il-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs, li joperaw bejn il-fruntieri."; [1b.]
	[1b] Mill-Ittra ta' Missjoni lill-Kummissarju McGrath

Or. en

Emenda 513

Chloé Ridel, Jean-Marc Germain, Emma Rafowicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jistieden lill-Kummissjoni tiddeskrivi l-limitu sa fejn in-nuqqasijiet identifikati fir-reġimi tal-istat tad-dritt potenzjalment joħolqu riskju għall-baġit tal-Unjoni fir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt mill-2025 'il quddiem;

Or. en

Emenda 514
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20b. Ifakkar fil-kundanna tiegħu tal-prattiki sistemiċi diskriminatorji, mhux trasparenti u inġusti rrapportati u li għadhom għaddejjin kontra kumpaniji f'ċerti setturi fl-Ungerija u l-użu tal-fondi tal-UE biex jarrikkixxu l-alleati politiċi tal-gvern, li jmorru kontra r-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni u l-akkwist pubbliku; jinsab imħasseb ħafna minħabba l-konċentrazzjoni dejjem akbar ta' negozji f'idejn oligarki b'rabtiet mal-gvern attwali li indikaw b'mod pubbliku l-intenzjoni tagħhom li jixtru f'setturi ewlenin, kif ukoll minħabba l-attakki diretti kontra l-kompetituri ta' dawk in-negozji;

Or. en

Emenda 515
Alessandro Ciriani, Paolo Inselvini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jissottolinja l-ħtieġa ta' mekkaniżmu komprensiv ta' kundizzjonalità li jiżgura l-konformità mal-istat tad-dritt fid-dritt tal-UE, lil hinn mid-dimensjoni baġitarja tiegħu; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu;	***imħassar***

Or. it

Emenda 516
Nicolas Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jissottolinja l-ħtieġa ta' mekkaniżmu komprensiv ta' kundizzjonalità li jiżgura l-konformità mal-istat tad-dritt fid-dritt tal-UE, lil hinn mid-dimensjoni baġitarja tiegħu; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 517
Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers, Malika Sorel, Fabrice Leggeri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jissottolinja l-ħtieġa ta'	***imħassar***

mekkaniżmu komprensiv ta' kundizzjonalità li jiżgura l-konformità mal-istat tad-dritt fid-dritt tal-UE, lil hinn mid-dimensjoni baġitarja tiegħu; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu;

Or. en

Emenda 518
Daniel Freund

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jissottolinja l-ħtieġa ta' ***mekkaniżmu*** komprensiv ***ta' kundizzjonalità*** li jiżgura l-konformità mal-istat tad-dritt fid-dritt tal-UE, lil hinn mid-dimensjoni baġitarja tiegħu; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta ***proposta*** li ***twessa'*** l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ***il-mekkaniżmu***;	21. Jissottolinja l-ħtieġa ta' ***sett ta' għodod*** komprensiv li jiżgura l-konformità mal-istat tad-dritt ***u valuri oħra minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE*** fid-dritt tal-UE, lil hinn mid-dimensjoni baġitarja tiegħu; ***jinsisti li s-sett ta' għodod għandu jkopri l-valuri kollha tal-Unjoni, il-baġit kollu tal-UE u jiżgura li ma jkun hemm l-ebda rigress fl-istrumenti kollha; jissottolinja l-ħtieġa ta' trasparenza u konsistenza ħafna akbar fir-rigward tal-applikazzjoni ta' għodod għall-protezzjoni tal-valuri tal-Unjoni u li r-rwol tal-Parlament jissaħħaħ fl-applikazzjoni u l-iskrutinju ta' tali miżuri; jinsisti, barra minn hekk, fuq il-ħtieġa ta' konsistenza bejn l-istrumenti meta jiġi vvalutat il-ksur tal-istat tad-dritt u valuri oħra fl-Istati Membri;*** iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tidentifika l-lakuni u*** tippreżenta ***proposti rilevanti*** li ***jwessgħu*** l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ***is-sett ta' għodod***; ***jindika li l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għandu jiġi sospiż fil-każ ta' ksur sistemiku;***

Or. en

Emenda 519
Tomas Tobé, Mika Aaltola, Pekka Toveri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jissottolinja l-ħtieġa ta' mekkaniżmu komprensiv ta' kundizzjonalità li jiżgura l-konformità mal-istat tad-dritt fid-dritt tal-UE, lil hinn mid-dimensjoni baġitarja tiegħu; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu;	21. Jissottolinja l-ħtieġa ta' mekkaniżmu komprensiv ta' kundizzjonalità li jiżgura l-konformità mal-istat tad-dritt fid-dritt tal-UE, lil hinn mid-dimensjoni baġitarja tiegħu; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu; ***jappoġġja f'dan ir-rigward is-suġġerimenti deskritti mill-gvernijiet tal-Finlandja u l-Iżvezja fis-16 ta' Settembru 2024, li jħeġġu lill-Kummissjoni ssegwi approċċ komprensiv għall-konformità mal-istat tad-dritt, b'mod partikolari permezz ta' applikazzjoni msaħħa tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità Ġenerali, kundizzjonalità trażversali marbuta mal-istat tad-dritt fi programmi u strumenti ta' finanzjament tal-UE u protezzjoni usa' tal-valuri komuni tagħna fi programmi u strumenti ta' finanzjament tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tressaq dawn il-proposti;***

Or. en

Emenda 520
Mariusz Kamiński, Joachim Stanisław Brudziński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jissottolinja ***l-ħtieġa ta'*** mekkaniżmu ***komprensiv*** ta' kundizzjonalità ***li jiżgura l-konformità*** mal-istat tad-dritt fid-dritt tal-UE, lil hinn	21. Jissottolinja ***l-fatt li*** mekkaniżmu ta' kundizzjonalità***, f'konformità mal-kjarifiki pprovduti mill-QĠUE, ma għandux l-għan li jipproteġi l-istat tad-***

mid-dimensjoni baġitarja tiegħu; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tippreżenta proposta li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta'*** dan il-mekkaniżmu;	***dritt, iżda biss li jipproteġi l-baġit tal-UE; ifakkar li l-UE mhijiex federazzjoni u jwissi kontra l-impożizzjoni ta' mekkaniżmu ta' kundizzjonalità kumpless li, taħt il-pretest tal-allegata garanzija tal-konformità*** mal-istat tad-dritt fid-dritt tal-UE, lil hinn mid-dimensjoni baġitarja tiegħu***, li tista' fl-aħħar mill-aħħar tfixkel l-objettivi tal-Kummissjoni u tpoġġi l-futur tal-UE f'riskju***; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tapplika*** dan il-mekkaniżmu ***b'mod ġust u unikament f'każijiet meta l-kundizzjonijiet meħtieġa jiġu ssodisfati ġenwinament, u żżomm lura milli tapplika standards doppji meta tuża dan il-mekkaniżmu, li għad hemm dubji dwar ir-raġunament tiegħu***;
	Or. pl

Emenda 521
Pekka Toveri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jissottolinja l-ħtieġa ta' mekkaniżmu komprensiv ta' kundizzjonalità li jiżgura l-konformità mal-istat tad-dritt fid-dritt tal-UE, lil hinn mid-dimensjoni baġitarja tiegħu; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu;	21. ***Jilqa' l-għan tal-Kummissjoni li ssaħħaħ ir-rabta bejn ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport dwar l-istat tad-dritt u l-finanzjament allokat mill-baġit tal-UE;*** jissottolinja l-ħtieġa ta' mekkaniżmu komprensiv ta' kundizzjonalità li jiżgura l-konformità mal-istat tad-dritt fid-dritt tal-UE, lil hinn mid-dimensjoni baġitarja tiegħu; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu;
	Or. en

Emenda 522
András László

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. ***Jissottolinja l-ħtieġa ta' mekkaniżmu komprensiv ta' kundizzjonalità li jiżgura l-konformità mal-istat tad-dritt fid-dritt tal-UE, lil hinn mid-dimensjoni baġitarja tiegħu; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu***;	21. ***Itenni li dan ir-rapport ma jistax iservi bħala bażi għal xi mekkaniżmu u proċedura ulterjuri tal-UE***;

Or. en

Emenda 523
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jissottolinja ***l-ħtieġa ta'*** mekkaniżmu ***komprensiv ta' kundizzjonalità*** li jiżgura l-konformità mal-istat tad-dritt ***fid-dritt tal-UE, lil hinn mid-dimensjoni baġitarja tiegħu***; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu;***	21. Jissottolinja ***l-fatt li ma hemmx bżonn jinħoloq*** mekkaniżmu ***ieħor*** li jiżgura l-konformità mal-istat tad-dritt ***billi l-mekkaniżmi eżistenti huma biżżejjed***;

Or. sk

Emenda 524
Chloé Ridel, Jean-Marc Germain, Emma Rafowicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jissottolinja l-ħtieġa ta'	21. Jissottolinja l-ħtieġa ta'

mekkaniżmu komprensiv ta' kundizzjonalità li jiżgura l-konformità mal-istat tad-dritt fid-dritt tal-UE***, lil hinn mid-dimensjoni baġitarja tiegħu***; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu;***	mekkaniżmu komprensiv ta' kundizzjonalità li jiżgura l-konformità mal-istat tad-dritt fid-dritt tal-UE;

Or. en

Emenda 525
Romana Tomc

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jissottolinja l-ħtieġa ta' mekkaniżmu komprensiv ***ta' kundizzjonalità*** li jiżgura l-konformità mal-istat tad-dritt fid-dritt tal-UE, lil hinn mid-dimensjoni baġitarja tiegħu; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu;	21. Jissottolinja l-ħtieġa ta' mekkaniżmu komprensiv li jiżgura l-konformità mal-istat tad-dritt fid-dritt tal-UE, lil hinn mid-dimensjoni baġitarja tiegħu; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu;

Or. en

Emenda 526
Moritz Körner, Malik Azmani, Dainius Žalimas, Lucia Yar, Fabienne Keller, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová Ostrihoňová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Ifakkar li r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt jistipula li r-riċevituri finali ma jridux jiġu mċaħħda mill-finanzjament tal-UE meta jiġu applikati sanzjonijiet fil-konfront tal-gvern tagħhom; jemmen li, sal-lum, din id-dispożizzjoni protettiva ma kinitx

effettiva;

Or. en

Emenda 527
Moritz Körner, Malik Azmani, Dainius Žalimas, Lucia Yar, Fabienne Keller, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová Ostrihoňová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jesprimi tħassib li s-sospensjoni tal-fondi tal-UE tista' tintuża b'mod ħażin minn gvernijiet nazzjonali sanzjonati bħala arma politika biex is-soċjetà ċivili, kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu mċaħħda mid-dritt ta' privileġġ;

Or. en

Emenda 528
Nicolas Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jitlob li tiġi introdotta kundizzjonalità intelliġenti li tippermetti li l-fondi tal-UE jaqbżu lill-gvernijiet nazzjonali li jimminaw l-istat tad-dritt u jitqassmu direttament lill-muniċipalitajiet, lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi u lil atturi oħra li jirrispettaw il-valuri tal-UE;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 529
Alessandro Ciriani, Paolo Inselvini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jitlob li tiġi introdotta kundizzjonalità intelliġenti li tippermetti li l-fondi tal-UE jaqbżu lill-gvernijiet nazzjonali li jimminaw l-istat tad-dritt u jitqassmu direttament lill-muniċipalitajiet, lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi u lil atturi oħra li jirrispettaw il-valuri tal-UE;	***imħassar***

Or. it

Emenda 530
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jitlob li tiġi introdotta kundizzjonalità intelliġenti li tippermetti li l-fondi tal-UE jaqbżu lill-gvernijiet nazzjonali li jimminaw l-istat tad-dritt u jitqassmu direttament lill-muniċipalitajiet, lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi u lil atturi oħra li jirrispettaw il-valuri tal-UE;	***imħassar***

Or. en

Emenda 531
Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers, Malika Sorel, Fabrice Leggeri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jitlob li tiġi introdotta	***imħassar***

kundizzjonalità intelliġenti li tippermetti li l-fondi tal-UE jaqbżu lill-gvernijiet nazzjonali li jimminaw l-istat tad-dritt u jitqassmu direttament lill-muniċipalitajiet, lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi u lil atturi oħra li jirrispettaw il-valuri tal-UE;

Or. en

Emenda 532
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jitlob li tiġi introdotta kundizzjonalità intelliġenti li tippermetti li l-fondi tal-UE jaqbżu lill-gvernijiet nazzjonali li jimminaw l-istat tad-dritt u jitqassmu direttament lill-muniċipalitajiet, lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi u lil atturi oħra li jirrispettaw il-valuri tal-UE;	***imħassar***

Or. sk

Emenda 533
Moritz Körner, Dainius Žalimas, Lucia Yar, Fabienne Keller, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. ***Jitlob li tiġi introdotta*** kundizzjonalità intelliġenti ***li tippermetti li l-fondi tal-UE jaqbżu lill-gvernijiet nazzjonali li jimminaw l-istat tad-dritt u jitqassmu*** direttament ***lill-muniċipalitajiet, lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi u lil atturi oħra li jirrispettaw il-valuri tal-***	22. ***Jisħaq fuq l-importanza li jiġi applikat approċċ ta'*** kundizzjonalità intelliġenti ***sabiex il-benefiċjarji ma jiġux ippenalizzati għall-azzjonijiet tal-gvern tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tadotta miżuri addizzjonali biex tiżgura li l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-soċjetà***

UE;

ċivili u benefiċjarji oħra jkunu jistgħu jkomplu jibbenefikaw mill-finanzjament tal-Unjoni f'każijiet ta' ksur tal-istat tad-dritt mill-gvernijiet nazzjonali, mingħajr ma tiddgħajjef l-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt; jemmen li dawn il-miżuri addizzjonali għandhom jinkludu riallokazzjoni tal-fondi diżimpenjati fi skemi ta' finanzjament ġestiti direttament ***mill-Kummissjoni; jissottolinja li sabiex jiġi evitat piż amministrattiv eċċessiv fuq il-Kummissjoni, ir-rwol tal-awtoritajiet maniġerjali għandu jiġi preżunt mill-awtoritajiet reġjonali u lokali kompetenti, minn korpi semi-indipendenti bħal JASPERS jew il-Bank Ewropew tal-Investiment, jew minn operaturi ta' fondi professjonali indipendenti bil-kapaċità organizzazzjonali meħtieġa, li jintgħażlu permezz ta' offerti pubbliċi kompetittivi, bħal ditti li jipprovdu konsulenza u appoġġ tekniku għal proġetti ta' żvilupp internazzjonali***;

Or. en

Emenda 534
Daniel Freund

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jitlob li tiġi introdotta kundizzjonalità intelliġenti li tippermetti li l-fondi tal-UE jaqbżu lill-gvernijiet nazzjonali li jimminaw l-istat tad-dritt u jitqassmu direttament lill-muniċipalitajiet, lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi u lil atturi oħra li jirrispettaw il-valuri tal-UE;	22. Jitlob li tiġi introdotta kundizzjonalità intelliġenti li tippermetti li l-fondi tal-UE jaqbżu lill-gvernijiet nazzjonali li jimminaw l-istat tad-dritt u jitqassmu direttament lill-muniċipalitajiet, lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi u lil atturi oħra li jirrispettaw il-valuri tal-UE ***filwaqt li jinżamm l-impatt sħiħ tal-miżuri li jittieħdu***; ***jenfasizza li tali kundizzjonalità intelliġenti għandha mnejn tinkludi, flimkien mal-iffriżar tal-fondi b'rabta mal-obbligu ta' ħlas ta' Stat***

	Membru skont id-dritt tal-Unjoni, iżda wkoll il-possibbiltà li l-proċeduri ta' ġestjoni kondiviża tas-soltu jiġu sostitwiti bi proċedura speċjali li tinvolvi parti terza indipendenti minflok l-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru, kif ukoll ir-riallokazzjoni simplifikata tal-fondi maħsuba għall-benefiċċju tal-Istat Membru inkwistjoni għall-programmi li jinvolvu ġestjoni diretta u indiretta, bħall-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri jew il-programm Ewropa Kreattiva, jew kwalunkwe suċċessur tagħhom;

Or. en

Emenda 535
Chloé Ridel, Jean-Marc Germain, Emma Rafowicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. ***Jitlob li tiġi introdotta*** kundizzjonalità intelliġenti ***li tippermetti li l-fondi tal-UE jaqbżu lill-gvernijiet*** nazzjonali ***li jimminaw l-istat tad-dritt u jitqassmu direttament lill-muniċipalitajiet, lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi u lil atturi oħra li jirrispettaw il-valuri tal-UE***;	22. ***Ifakkar li r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt jipprevedi li r-riċevituri finali ma għandhomx jiġu mċaħħda mill-benefiċċji tal-fondi tal-UE fil-każ li jiġu applikati sanzjonijiet fil-konfront tal-gvern tagħhom; jemmen li, sal-lum, din id-dispożizzjoni ma kinitx effettiva u jisħaq fuq l-importanza li jiġi applikat approċċ ta'*** kundizzjonalità intelliġenti ***sabiex il-benefiċjarji ma jiġux penalizzati minħabba l-azzjonijiet tal-gvern tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tesplora modi addizzjonali biex tiżgura li l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-soċjetà ċivili u benefiċjarji oħra jkunu jistgħu jkomplu jibbenefikaw mill-finanzjament tal-Unjoni f'każijiet ta' ksur tal-istat tad-dritt mill-gvernijiet*** nazzjonali ***mingħajr ma tiddgħajjef l-applikazzjoni tar-regolament***;

Or. en

Emenda 536
Marieke Ehlers, Jorge Buxadé Villalba, Tom Vandendriessche, Fabrice Leggeri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. ***Jitlob li tiġi introdotta kundizzjonalità intelliġenti li tippermetti li l-fondi tal-UE jaqbżu lill-gvernijiet nazzjonali li jimminaw l-istat tad-dritt u jitqassmu direttament lill-muniċipalitajiet, lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi u lil atturi oħra li jirrispettaw il-valuri tal-UE***;	22. ***Itenni li l-UE aġixxiet ultra vires fl-adozzjoni tar-regolament dwar il-kundizzjonalità tal-istat tad-dritt, peress li marret lil hinn mis-setgħat mogħtija lilha mill-Istati Membri; jinsisti wkoll li r-regolament jikser il-prinċipju taċ-ċertezza legali; jirrifjuta, għalhekk, ir-regolament dwar il-kundizzjonalità tal-istat tad-dritt fl-intier tiegħu; iqis ukoll li r-regolament dwar il-kundizzjonalità tal-istat tad-dritt jikser il-prinċipju tal-unanimità stabbilit fl-Artikolu 7 tat-TUE u għalhekk jikkostitwixxi ksur tad-dritt tal-Unjoni***;

Or. en

Emenda 537
Javier Zarzalejos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jitlob li ***tiġi introdotta kundizzjonalità intelliġenti li tippermetti li l-fondi*** tal-UE ***jaqbżu lill-gvernijiet nazzjonali li jimminaw l-istat tad-dritt u jitqassmu direttament lill-muniċipalitajiet, lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi u lil atturi oħra li jirrispettaw il-valuri tal-UE***;	22. Jitlob li ***jiġu introdotti mekkaniżmi ta' monitoraġġ imtejba għad-distribuzzjoni tal-fondi*** tal-UE ***biex tiġi żgurata l-konformità mal-istandards tal-istat tad-dritt; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' kontroll strett fuq il-kunflitti ta' interess potenzjali, l-istrumentalizzazzjoni politika jew in-nuqqas ta' trasparenza fl-allokazzjoni tal-fondi fil-livell nazzjonali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni twettaq awditi sistemiċi biex tipprevjeni l-użu ħażin, f'konformità mar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt***;

Or. en

Emenda 538
Emma Rafowicz, Chloé Ridel, Birgit Sippel, Krzysztof Śmiszek, Hannes Heide

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jitlob li tiġi introdotta kundizzjonalità intelliġenti li tippermetti li l-fondi tal-UE jaqbżu lill-gvernijiet nazzjonali li jimminaw l-istat tad-dritt u jitqassmu direttament lill-muniċipalitajiet, lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi u lil atturi oħra li jirrispettaw il-valuri tal-UE;	22. Jitlob li tiġi introdotta kundizzjonalità intelliġenti li tippermetti li l-fondi tal-UE jaqbżu lill-gvernijiet nazzjonali li jimminaw l-istat tad-dritt u jitqassmu direttament lill-muniċipalitajiet, lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi u lil atturi oħra li jirrispettaw il-valuri tal-UE ***u atturi oħra li jirrispettaw il-valuri tal-Unjoni u jgawdu minn indipendenza suffiċjenti mill-awtoritajiet tal-Istati Membri kkonċernati***;

Or. en

Emenda 539
Mariusz Kamiński, Joachim Stanisław Brudziński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. ***Jitlob*** li tiġi introdotta kundizzjonalità intelliġenti li tippermetti li l-fondi tal-UE jaqbżu lill-gvernijiet nazzjonali li jimminaw l-istat tad-dritt u jitqassmu direttament lill-muniċipalitajiet, lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi u lil atturi oħra ***li jirrispettaw*** il-valuri tal-UE;	22. ***Jenfasizza*** li ***kwalunkwe inizjattiva simili biex*** tiġi introdotta kundizzjonalità intelliġenti li tippermetti li l-fondi tal-UE jaqbżu lill-gvernijiet nazzjonali li jimminaw l-istat tad-dritt u jitqassmu direttament lill-muniċipalitajiet, lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi u lil atturi oħra ***tkun inkompatibbli mat-Trattati u tikser*** il-valuri ***u l-liġijiet*** tal-UE;

Or. pl

Emenda 540
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jitlob li tiġi introdotta kundizzjonalità intelliġenti li tippermetti li l-fondi tal-UE jaqbżu lill-gvernijiet nazzjonali li jimminaw l-istat tad-dritt u ***jitqassmu direttament lill-muniċipalitajiet, lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi u lil atturi oħra li jirrispettaw il-valuri tal-UE***;	22. Jitlob li tiġi introdotta kundizzjonalità intelliġenti li tippermetti li l-fondi tal-UE jaqbżu lill-gvernijiet nazzjonali li jimminaw l-istat tad-dritt u ***minflok jinżammu bħala appoġġ għall-Ukrajna, li jkun wieħed mill-aktar modi tanġibbli ta' difiża tal-Ewropa kollha u tal-valuri fundamentali tagħha fil-ġlieda kontra l-invażjoni tar-Russja***;

Or. fi

Emenda 541
Romana Tomc

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jitlob li ***tiġi introdotta kundizzjonalità intelliġenti*** li ***tippermetti*** li l-fondi tal-UE jaqbżu lill-gvernijiet nazzjonali li jimminaw l-istat tad-dritt u jitqassmu direttament lill-muniċipalitajiet***, lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi u lil atturi oħra li jirrispettaw il-valuri tal-UE***;	22. Jitlob li ***jiġi introdott mekkaniżmu*** li ***jippermetti*** li l-fondi tal-UE jaqbżu lill-gvernijiet nazzjonali li jimminaw l-istat tad-dritt u jitqassmu direttament lill-muniċipalitajiet;

Or. en

Emenda 542
Mary Khan, Ewa Zajączkowska-Hernik, Milan Uhrík

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. ***Jitlob*** li tiġi introdotta kundizzjonalità intelliġenti li tippermetti li l-fondi tal-UE jaqbżu lill-gvernijiet nazzjonali li jimminaw l-istat tad-dritt u jitqassmu direttament lill-muniċipalitajiet, lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi u lil atturi oħra li jirrispettaw il-valuri tal-UE;	22. ***Jiddeplora*** li tiġi introdotta ***kwalunkwe*** kundizzjonalità intelliġenti li tippermetti li l-fondi tal-UE jaqbżu lill-gvernijiet nazzjonali li ***allegatament*** jimminaw l-istat tad-dritt u jitqassmu direttament lill-muniċipalitajiet, lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi u lil atturi oħra li jirrispettaw il-valuri ***preżunti*** tal-UE;

Or. en

Emenda 543
András László

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. ***Jitlob li tiġi introdotta kundizzjonalità intelliġenti li tippermetti*** li ***l-fondi tal-UE jaqbżu*** lill-gvernijiet nazzjonali ***li jimminaw l-istat tad-dritt u jitqassmu direttament lill-muniċipalitajiet, lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi u lil atturi oħra li jirrispettaw il-valuri tal-UE***;	22. ***Jiddeplora t-tentattiv mix-xellug tal-Ewropa*** li ***jaqbeż*** lill-gvernijiet nazzjonali ***bl-introduzzjoni tal-hekk imsejħa "kundizzjonalità intelliġenti" li fir-realtà tinterferixxi mas-sovranità tal-Istati Membri***;

Or. en

Emenda 544
Michał Wawrykiewicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jipproponi li jinħoloq grupp permanenti ta' personalitajiet eminenti

("Grupp ta' Persuni Għorrief") li jkun magħmul minn esperti legali, akkademiċi u tad-drittijiet tal-bniedem indipendenti, bil-kompitu li jimmonitorjaw sistematikament l-iżviluppi tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri u jipprovdu valutazzjonijiet regolari, rakkomandazzjonijiet u twissijiet bikrija lill-Kummissjoni Ewropea; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata l-indipendenza sħiħa u l-oġġettività fil-kompożizzjoni u l-funzjonament ta' dan il-korp, billi tittieħed ispirazzjoni mill-Kumitat ta' Persuni Eminenti Indipendenti stabbilit fl-ambitu tar-Regolament 1141/2014, filwaqt li l-mandat tiegħu jiġi adattat speċifikament biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 545
Moritz Körner, Dainius Žalimas, Lucia Yar, Fabienne Keller, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Michał Wawrykiewicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jappella għall-istabbiliment ta' sistema trasparenti għall-awtoritajiet lokali biex jitolbu fondi tal-UE direttament meta l-gvernijiet nazzjonali jimblokkaw il-fondi tal-UE jew jużawhom ħażin;

Or. en

Emenda 546
Moritz Körner, Dainius Žalimas, Lucia Yar, Fabienne Keller, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová Ostrihoňová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22b. Jenfasizza li d-deċiżjonijiet biex jiġi sospiż jew jitnaqqas il-finanzjament tal-Unjoni minħabba ksur tal-istat tad-dritt iridu jkunu bbażati fuq kriterji oġġettivi, ma jridux ikunu ggwidati minn kunsiderazzjonijiet oħra, u ma jridux ikunu l-eżitu ta' negozjati;

Or. en

Emenda 547
Moritz Körner, Dainius Žalimas, Lucia Yar, Fabienne Keller, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová Ostrihoňová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22c. Itenni li l-ebda Stat Membru ma għandu jiġi eżentat minn skrutinju permanenti u li għadu għaddej, irrispettivament mill-affiljazzjoni tal-partit politiku tal-gvern tiegħu;

Or. en

Emenda 548
Moritz Körner, Dainius Žalimas, Lucia Yar, Fabienne Keller, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Michał Wawrykiewicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22d. Jirrikonoxxi l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) bħala difensur ewlieni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jistieden lill-Istati Membri kollha jingħaqdu mal-UPPE u

jappella għal espansjoni tal-mandat tiegħu biex jiġġieled aħjar il-korruzzjoni u l-kriminalità finanzjarja madwar l-UE;

Or. en

Emenda 549
Moritz Körner, Dainius Žalimas, Lucia Yar, Fabienne Keller, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová Ostrihoňová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22e. Iħeġġeġ kooperazzjoni operazzjonali aktar mill-qrib bejn il-Europol, il-Eurojust, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-OLAF u l-UPPE biex jinħoloq network bla xkiel għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' korruzzjoni u frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 550
Moritz Körner, Hilde Vautmans, Nikola Minchev, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Chloé Ridel, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Lucia Yar, Irena Joveva, Isabel Wiseler-Lima
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Sophie Wilmès

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta r-riżorsi umani meħtieġa biex tissodisfa l-missjonijiet tagħha b'mod konsistenti u effettiv u tapplika r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità, u tiċċara x'jikkostitwixxi rabta diretta b'mod suffiċjenti bejn ksur tal-prinċipji

tal-istat tad-dritt u l-interess finanzjarju tal-UE, kif ukoll biex tistabbilixxi kriterji għall-valutazzjoni tal-effettività tal-miżuri baġitarji u rimedjali, kif mitlub mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri; jistieden lill-Kummissjoni tidentifika, tivvaluta u tiddokumenta sistematikament għall-Istati Membri kollha kif ġie indirizzat l-istat tad-dritt fl-ambitu tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità; ifakkar li kwalunkwe proposta biex jitneħħew il-miżuri baġitarji għandha tkun ibbażata fuq informazzjoni solida, komprensiva u aġġornata;

Or. en

Emenda 551
Mariusz Kamiński, Joachim Stanisław Brudziński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. ***Jistieden*** lill-Istati Membri ***jżommu lura milli*** jużaw ***proċeduri*** aċċelerati b'mod ***eċċessiv***, peress li dawn ***għandhom*** impatt negattiv fuq il-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet u fuq id-demokrazija; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu proċessi trasparenti tat-tfassil tal-liġijiet wara l-konsultazzjoni sistematika ta' partijiet ikkonċernati differenti;	23. ***Iħeġġeġ*** lill-Istati Membri***, minħabba l-iskala kbira tal-isfidi u t-theddid, biex*** jużaw ***il-proċeduri*** aċċelerati b'mod ***prudenti***, peress li dawn ***jista' jkollhom*** impatt negattiv fuq il-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet u fuq id-demokrazija; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu proċessi trasparenti tat-tfassil tal-liġijiet wara l-konsultazzjoni sistematika ta' partijiet ikkonċernati differenti***, f'konformità sħiħa mal-prinċipju tat-trasparenza u billi jitqiesu l-interessi tal-Istati Membri u l-ben komuni***;

Or. pl

Emenda 552
Ana Catarina Mendes, Chloé Ridel, Sandro Ruotolo, Francisco Assis, Hannes Heide, Pina Picierno, Matjaž Nemec, Emma Rafowicz, Krzysztof Śmiszek, Katarina Barley, Evin Incir, Juan Fernando López Aguilar, Nacho Sánchez Amor, Marco Tarquinio,

Javier Moreno Sánchez, Alessandro Zan, Isabel Serra Sánchez, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Istati Membri jżommu lura milli jużaw proċeduri aċċelerati b'mod eċċessiv, peress li dawn għandhom impatt negattiv fuq il-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet u fuq id-demokrazija; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu proċessi trasparenti tat-tfassil tal-liġijiet wara l-konsultazzjoni sistematika ta' partijiet ikkonċernati differenti;	23. Jistieden lill-Istati Membri jżommu lura milli jużaw proċeduri aċċelerati b'mod eċċessiv***, li jaqbżu l-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati inkluż skrutinju mill-parlament u mis-soċjetà ċivili,*** peress li dawn għandhom impatt negattiv fuq il-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet u fuq id-demokrazija; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu proċessi trasparenti tat-tfassil tal-liġijiet wara l-konsultazzjoni sistematika ta' partijiet ikkonċernati differenti;

Or. en

Emenda 553
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Istati Membri jżommu lura milli jużaw proċeduri aċċelerati ***b'mod eċċessiv, peress li dawn għandhom impatt negattiv fuq il-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet u fuq id-demokrazija***; ***jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu proċessi trasparenti tat-tfassil tal-liġijiet wara l-konsultazzjoni sistematika ta' partijiet ikkonċernati differenti;***	23. Jistieden lill-Istati Membri jżommu lura milli jużaw proċeduri aċċelerati ***bħala regola fl-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni; jirrispetta bis-sħiħ id-dritt tal-Istati Membri li jaġġustaw il-proċeduri tagħhom biex jadottaw il-leġiżlazzjoni fid-diskrezzjoni tagħhom***;

Or. sk

Emenda 554
Javier Zarzalejos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Istati Membri jżommu lura milli jużaw proċeduri aċċelerati b'mod eċċessiv, peress li dawn għandhom impatt negattiv fuq il-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet u fuq id-demokrazija; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu proċessi trasparenti tat-tfassil tal-liġijiet wara l-konsultazzjoni sistematika ta' partijiet ikkonċernati differenti;	23. Jistieden lill-Istati Membri jżommu lura milli jużaw proċeduri aċċelerati b'mod eċċessiv, peress li dawn għandhom impatt negattiv fuq il-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet u fuq id-demokrazija; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu proċessi trasparenti tat-tfassil tal-liġijiet wara l-konsultazzjoni sistematika ta' partijiet ikkonċernati ***u korpi konsultattivi*** differenti;

Or. en

Emenda 555
Moritz Körner, Hilde Vautmans, Nikola Minchev, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Chloé Ridel, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Lucia Yar, Irena Joveva, Daniel Freund
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Sophie Wilmès

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Istati Membri jżommu lura milli jużaw proċeduri aċċelerati b'mod eċċessiv, peress li dawn għandhom impatt negattiv fuq ***il-kwalità*** tat-tfassil tal-liġijiet u fuq id-demokrazija; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu proċessi trasparenti tat-tfassil tal-liġijiet wara l-konsultazzjoni sistematika ta' partijiet ikkonċernati differenti;	23. Jistieden lill-Istati Membri jżommu lura milli jużaw proċeduri aċċelerati ***jew digrieti ta' emerġenza*** b'mod eċċessiv, peress li dawn għandhom impatt negattiv fuq ***l-istabbiltà u l-kwalità*** tat-tfassil tal-liġijiet u fuq id-demokrazija; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu proċessi trasparenti tat-tfassil tal-liġijiet wara l-konsultazzjoni sistematika ta' partijiet ikkonċernati differenti;

Or. en

Emenda 556
Marieke Ehlers, Jorge Buxadé Villalba, Tom Vandendriessche, Fabrice Leggeri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Istati Membri jżommu lura milli jużaw proċeduri aċċelerati b'mod eċċessiv, peress li dawn għandhom impatt negattiv fuq il-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet u fuq id-demokrazija; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu proċessi trasparenti tat-tfassil tal-liġijiet wara l-konsultazzjoni sistematika ta' partijiet ikkonċernati differenti;	23. Jistieden ***lill-Kummissjoni u*** lill-Istati Membri jżommu lura milli jużaw proċeduri aċċelerati b'mod eċċessiv, peress li dawn għandhom impatt negattiv fuq il-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet u fuq id-demokrazija; jistieden ***lill-Kummissjoni u*** lill-Istati Membri jistabbilixxu proċessi trasparenti tat-tfassil tal-liġijiet wara l-konsultazzjoni sistematika ta' partijiet ikkonċernati differenti;

Or. en

Emenda 557
Nicolas Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Istati Membri jżommu lura milli jużaw proċeduri aċċelerati b'mod eċċessiv, peress li dawn għandhom impatt negattiv fuq il-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet u fuq id-demokrazija; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu proċessi trasparenti tat-tfassil tal-liġijiet ***wara l-konsultazzjoni sistematika ta' partijiet ikkonċernati differenti***;	23. Jistieden lill-Istati Membri jżommu lura milli jużaw proċeduri aċċelerati b'mod eċċessiv, peress li dawn għandhom impatt negattiv fuq il-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet u fuq id-demokrazija; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu proċessi trasparenti tat-tfassil tal-liġijiet;

Or. fr

Emenda 558
Moritz Körner, Malik Azmani, Dainius Žalimas, Lucia Yar, Fabienne Keller, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová Ostrihoňová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Istati Membri jżommu lura milli jużaw proċeduri aċċelerati b'mod eċċessiv, peress li dawn għandhom impatt negattiv fuq il-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet u fuq id-demokrazija; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu proċessi trasparenti tat-tfassil tal-liġijiet wara l-konsultazzjoni sistematika ta' partijiet ikkonċernati differenti;	23. Jistieden lill-Istati Membri jżommu lura milli jużaw proċeduri aċċelerati ***u setgħat ta' emerġenza*** b'mod eċċessiv, peress li dawn għandhom impatt negattiv fuq il-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet u fuq id-demokrazija; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu proċessi trasparenti tat-tfassil tal-liġijiet wara l-konsultazzjoni sistematika ta' partijiet ikkonċernati differenti;

Or. en

Emenda 559
Daniel Freund

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Istati Membri jżommu lura milli jużaw proċeduri aċċelerati b'mod eċċessiv, peress li dawn għandhom impatt negattiv fuq il-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet u fuq id-demokrazija; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu proċessi trasparenti tat-tfassil tal-liġijiet wara l-konsultazzjoni sistematika ta' partijiet ikkonċernati differenti;	23. Jistieden lill-Istati Membri jżommu lura milli jużaw proċeduri aċċelerati b'mod eċċessiv, peress li dawn għandhom impatt negattiv fuq il-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet u fuq id-demokrazija; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu proċessi trasparenti tat-tfassil tal-liġijiet wara l-konsultazzjoni sistematika ***u pubblika*** ta' partijiet ikkonċernati differenti;

Or. en

Emenda 560
Marieke Ehlers, Jorge Buxadé Villalba, Tom Vandendriessche, Fabrice Leggeri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Ifakkar li l-prinċipji ta' governanza tajba jirrikjedu li l-

Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-impatt qabel inizjattiva leġiżlattiva, bl-għan li tevalwa l-konsegwenzi ekonomiċi, soċjali u ambjentali potenzjali tal-leġiżlazzjoni proposta inkwistjoni; jesprimi dispjaċir f'dan ir-rigward li, bil-pretest ta' urġenza jew minħabba "in-natura tal-proposta", il-Kummissjoni qiegħda tiddeċiedi dejjem aktar li ma twettaqx valutazzjoni tal-impatt, u dan jintwera minn eżempji reċenti bħall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Qafas Temporanju għall-Għajnuna mill-Istat, ċerti miżuri dwar l-kontrolli doganali u fuq il-funtieri minħabba Brexit, ir-Regolament dwar l-Identità Diġitali Ewropea u l-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għar-Repubblika tal-Moldova; jikkundanna lill-Kummissjoni għaż-żieda fl-ommissjonijiet tal-valutazzjonijiet tal-impatt fil-proposti leġiżlattivi;

Or. en

Emenda 561
Isabel Serra Sánchez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Iqis li l-iskrutinju mill-ġudikatura u mill-parlament ta' gvern u l-aġenti tiegħu huwa ta' importanza vitali għall-istat tad-dritt u d-demokrazija, speċjalment għall-hekk imsejħa servizzi speċjali li l-attivitajiet tagħhom normalment jinżammu sigrieti; jisħaq li s-servizzi tas-sigurtà u tal-intelligence tal-Istat, li ma hemmx dubju dwar kemm huma bżonjużi, xorta ma jridux isiru "stat fl-istat", eżentati mill-obbligu ta' rendikont għall-azzjonijiet tagħhom, peress li tali nuqqas ta' obbligu ta' rendikont iwassal għal kultura perikoluża

ta' impunità, li timmina l-pedamenti tal-istituzzjonijiet demokratiċi nfushom; jikkundanna f'dan ir-rigward li l-Att dwar is-Sigrieti Uffiċjali ta' qabel il-kostituzzjoni għadu fis-seħħ fi Spanja;

Or. en

Emenda 562
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Robert Biedroń, Katarina Barley, Cecilia Strada, Klára Dobrev, Csaba Molnár, Emma Rafowicz, Alessandro Zan, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jesprimi tħassib dwar l-użu akbar ta' teknoloġiji ta' sorveljanza mill-gvernijiet tal-Istati Membri kontra ġurnalisti, attivisti, figuri tal-oppożizzjoni u membri tal-persunal tal-Istituzzjonijiet Ewropej; jappella għal regolamenti stretti madwar l-UE kollha dwar l-użu tal-ispyware u għodod oħra ta' sorveljanza intruživa;

Or. en

Emenda 563
David Casa, Chloé Ridel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja b'mod proattiv u tieħu azzjoni malajr għar-riskji tar-rigress tal-istat tad-dritt f'oqsma ta' indipendenza ġudizzjarja u aċċess għall-ġustizzja, f'konformità mal-prinċipju ta' nonrigressjoni kif iċċarat fil-ġurisprudenza reċenti tal-QĠUE;

Or. en

Emenda 564
Moritz Körner, Malik Azmani, Dainius Žalimas, Lucia Yar, Fabienne Keller, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová Ostrihoňová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Iheġġeġ lill-gvernijiet u lill-parlamenti nazzjonali jippubblikaw valutazzjonijiet tal-impatt u sejbiet tal-konsultazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku għal kull proposta leġiżlattiva importanti;

Or. en

Emenda 565
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-indipendenza tal-korpi nazzjonali ta' sorveljanza sabiex jiżguraw ir-riżorsi u l-libertà mill-interferenza politika; jisħaq fuq l-importanza tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-promozzjoni tal-obbligu ta' rendikont u fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali; jiddeplora r-restrizzjonijiet fuq l-attività tas-soċjetà ċivili;	***imħassar***

Or. sk

Emenda 566
Moritz Körner, Hilde Vautmans, Nikola Minchev, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Chloé Ridel, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Lucia Yar, Irena Joveva

f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Sophie Wilmès

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-indipendenza tal-korpi nazzjonali ta' sorveljanza sabiex jiżguraw ir-riżorsi u l-libertà mill-interferenza politika; jisħaq fuq l-importanza tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-promozzjoni tal-obbligu ta' rendikont u fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali; jiddeplora r-restrizzjonijiet fuq l-attività tas-soċjetà ċivili;	***imħassar***

Or. en

Emenda 567
Nicolas Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-indipendenza tal-korpi nazzjonali ta' sorveljanza sabiex jiżguraw ir-riżorsi u l-libertà mill-interferenza politika; ***jisħaq fuq l-importanza tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-promozzjoni tal-obbligu ta' rendikont u fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali; jiddeplora r-restrizzjonijiet fuq l-attività tas-soċjetà ċivili;***	24. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-indipendenza tal-korpi nazzjonali ta' sorveljanza sabiex jiżguraw ir-riżorsi u l-libertà mill-interferenza politika;

Or. fr

Emenda 568
Marieke Ehlers, Tom Vandendriessche

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-indipendenza tal-korpi nazzjonali ta' sorveljanza sabiex jiżguraw ir-riżorsi u l-libertà mill-interferenza politika; jisħaq fuq l-importanza tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-promozzjoni tal-obbligu ta' rendikont u fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali; ***jiddeplora r-restrizzjonijiet*** fuq l-attività tas-soċjetà ċivili;	24. Jistieden ***lill-Kummissjoni u*** lill-Istati Membri jsaħħu l-indipendenza tal-korpi nazzjonali ***u tal-UE*** ta' sorveljanza sabiex jiżguraw ir-riżorsi u l-libertà mill-interferenza politika; jisħaq fuq l-importanza tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-promozzjoni tal-obbligu ta' rendikont u fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali; ***jistieden lill-Istati Membri jibbilanċjaw kif xieraq ir-regolamenti leġittimi*** fuq l-attività tas-soċjetà ċivili***, bħal rekwiżiti tat-trasparenza finanzjarja, bil-libertà ta' tali organizzazzjonijiet li joperaw b'mod liberu fid-dibattitu demokratiku***;

Or. en

Emenda 569
András László

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jistieden ***lill-Istati Membri jsaħħu*** l-indipendenza tal-korpi nazzjonali ta' sorveljanza sabiex ***jiżguraw ir-riżorsi*** u l-libertà mill-interferenza politika; ***jisħaq fuq l-importanza tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-promozzjoni tal-obbligu ta' rendikont u fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali; jiddeplora r-restrizzjonijiet fuq l-attività tas-soċjetà ċivili;***	24. Jistieden ***lill-Kummissjoni ssaħħaħ*** l-indipendenza tal-korpi nazzjonali ta' sorveljanza sabiex ***tiżgura r-riżorsi*** u l-libertà mill-interferenza politika;

Or. en

Emenda 570

Romana Tomc

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-indipendenza tal-korpi nazzjonali ta' sorveljanza sabiex jiżguraw ir-riżorsi u l-libertà mill-interferenza politika; ***jisħaq fuq l-importanza tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-promozzjoni tal-obbligu ta' rendikont u fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali; jiddeplora r-restrizzjonijiet fuq l-attività tas-soċjetà ċivili;***	24. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-indipendenza tal-korpi nazzjonali ta' sorveljanza sabiex jiżguraw ir-riżorsi u l-libertà mill-interferenza politika;

Or. en

Emenda 571
Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers, Malika Sorel, Fabrice Leggeri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-indipendenza tal-korpi nazzjonali ta' sorveljanza sabiex jiżguraw ir-riżorsi u l-libertà mill-interferenza politika; ***jisħaq fuq l-importanza tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-promozzjoni tal-obbligu ta' rendikont u fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali; jiddeplora r-restrizzjonijiet fuq l-attività tas-soċjetà ċivili;***	24. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-indipendenza tal-korpi nazzjonali ta' sorveljanza sabiex jiżguraw ir-riżorsi u l-libertà mill-interferenza politika;

Or. en

Emenda 572
Mariusz Kamiński, Joachim Stanisław Brudziński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-indipendenza tal-korpi nazzjonali ta' sorveljanza sabiex jiżguraw ir-riżorsi u l-libertà mill-interferenza politika; jisħaq fuq l-importanza tas-soċjetà ċivili ***u*** tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-promozzjoni tal-obbligu ta' rendikont u fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali; jiddeplora r-restrizzjonijiet fuq l-attività tas-soċjetà ċivili;	24. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-indipendenza tal-korpi nazzjonali ta' sorveljanza sabiex jiżguraw ir-riżorsi u l-libertà mill-interferenza politika; jisħaq fuq l-importanza tas-soċjetà ċivili***, tal-media pluralista kif ukoll*** tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-promozzjoni tal-obbligu ta' rendikont u fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali; jiddeplora r-restrizzjonijiet fuq l-attività tas-soċjetà ċivili ***u l-finanzjament preferenzjali ta' organizzazzjonijiet liberali u xellugin***;

Or. pl

Emenda 573
Alessandro Zan, Cecilia Strada, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Marco Tarquinio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jissottolinja l-importanza li tiġi ssalvagwardjata s-separazzjoni tas-setgħat u ta' qafas istituzzjonali stabbli f'kull Stat Membru; jesprimi tħassib dwar il-proposta ta' riforma kostituzzjonali Taljana li tintroduċi proċedura ġdida għall-elezzjoni diretta tal-Prim Ministru, kif diġà ġie osservat fir-Rapport 2024 tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt;

Or. en

Emenda 574
Nikola Minchev, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Chloé Ridel, Abir Al-Sahlani, Alessandro Zan, Fabienne Keller, Lucia Yar, Irena Joveva, Isabel Wiseler-Lima, Daniel Freund
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Sophie Wilmès

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi skeda ta' żmien, indikaturi, miri konkreti u azzjonijiet dettaljati għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport tagħha dwar l-Istat tad-Dritt u tispeċifika l-konsegwenzi possibbli f'każ ta' nuqqas ta' konformità; jappella għall-inklużjoni ta' ħarsa ġenerali pluriennali ta' kwistjonijiet tal-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 575
Marieke Ehlers, Jorge Buxadé Villalba, Tom Vandendriessche, Fabrice Leggeri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jistenna bil-ħerqa r-riżultati tal-investigazzjoni mill-Kummissjoni, imħabbra fl-14 ta' Mejju 2024, fir-rapport finanzjarju tagħha għall-assoċjazzjonijiet marbuta mal-Fratellanza Musulmana, inkluż Islamic Relief Worldwide, organizzazzjoni li huwa ċar li ma timxix mal-prinċipji minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE;

Or. en

Emenda 576
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Fabienne Keller, Sophie Wilmès, Moritz Körner, Abir Al-Sahlani, Sigrid Friis, Lucia Yar

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jesprimi t-tħassib tiegħu li bosta mistoqsijiet relatati mal-użu tal-ispyware kontra fost l-oħrajn ġurnalisti u politiċi tal-oppożizzjoni għadhom ma twieġbux, billi l-investigazzjonijiet għadhom ma ġewx konklużi, xi drabi aktar minn tliet snin wara li nbdew;

Or. en

Emenda 577
Nikola Minchev, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Chloé Ridel, Abir Al-Sahlani, Alessandro Zan, Fabienne Keller, Lucia Yar, Irena Joveva, Isabel Wiseler-Lima, Daniel Freund
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Sophie Wilmès

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24b. Jiddeplora li xi rakkomandazzjonijiet mir-Rapport 2023 dwar l-Istat tad-Dritt ma ġewx implimentati u jistieden lill-Kummissjoni tieħu passi ħalli tindirizza dan;

Or. en

Emenda 578
Alessandro Ciriani, Paolo Inselvini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jinsab imħasseb dwar l-interferenza barranija fl-Istati Membri, inklużi l-manipulazzjoni tal-media soċjali	***imħassar***

u d-diżinformazzjoni; jinnota l-inizjattivi inaċċettabbli ta' Elon Musk li juża pjattaformi tal-media soċjali sabiex jimmanipula l-opinjoni pubblika fi Stati Membri differenti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimmonitorjaw dan u japplikaw l-Att dwar is-Servizzi Diġitali[44] u l-Att dwar is-Swieq Diġitali[45] , inkluż b'rispons għad-deċiżjoni reċenti ta' Meta dwar il-mekkaniżmi ta' verifika tal-fatti;

---

[44] Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj).

[45] Ir-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali) (ĠU L 265, 12.10.2022, p. 1, ELI: https://data.europa.eu/eli/reg/2022/1925/oj).

Or. it

Emenda 579
András László

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jinsab imħasseb dwar l-interferenza ***barranija fl-Istati*** Membri***, inklużi l-manipulazzjoni tal-media soċjali u d-diżinformazzjoni; jinnota l-inizjattivi***	25. Jinsab imħasseb dwar l-interferenza ***tal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea f'affarijiet domestiċi tal-Istati*** Membri***; ifakkar li fis-7 ta' Jannar 2025,***

inaċċettabbli ta' Elon Musk li juża pjattaformi tal-media soċjali ***sabiex jimmanipula l-opinjoni pubblika fi Stati Membri differenti***; jistieden lill-Kummissjoni ***u lill-Istati Membri jimmonitorjaw dan u japplikaw l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att[44] dwar is-Swieq Diġitali[45], inkluż b'rispons għad-deċiżjoni reċenti ta' Meta dwar il-mekkaniżmi ta' verifika tal-fatti***;

is-CEO ta' Meta, Mark Zuckerberg ammetta li Facebook kien iċċensura kontenut fuq bażi politika; jilqa' l-isforzi ta' Meta li tavvanza l-libertà tal-kelma fuq il-pjattaformi tal-media soċjali ***tagħha; jiddeplora li l-verifika tal-fatti politikament preġudikata fuq il-pjattaformi*** tal-media soċjali ***għadha fis-seħħ fl-Ewropa***; jistieden lill-Kummissjoni ***twaqqaf l-isforzi tagħha biex tiċċensura opinjoni politika fuq il-pjattaformi tal-media soċjali; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Parlament Ewropew jiżvelaw bis-sħiħ il-kuntratt ta' EUR 133 miljun iffirmat ma' Havas Media France biex jiġu promossi narrattivi u kandidati "favur l-UE" qabel l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew tal-2024; jistieden lill-Parlament Ewropew jistabbilixxi Kumitat ta' Inkjesta dwar iċ-Ċensura ta' Facebook***; ***jilqa' l-isforzi ta' Elon Musk fil-ġlieda għal-libertà ta' espressjoni;***

---

[44] Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj).

[45] Ir-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali) (ĠU L 265, 12.10.2022, p. 1, ELI: https://data.europa.eu/eli/reg/2022/1925/oj).

Or. en

Emenda 580
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Robert Biedroń, Katarina Barley, Cecilia Strada, Klára Dobrev, Csaba Molnár, Emma Rafowicz, Alessandro Zan, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jinsab imħasseb dwar l-interferenza barranija fl-Istati Membri, inklużi l-manipulazzjoni tal-media soċjali u d-diżinformazzjoni; jinnota l-inizjattivi inaċċettabbli ta' Elon Musk li juża pjattaformi tal-media soċjali sabiex jimmanipula l-opinjoni pubblika fi Stati Membri differenti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimmonitorjaw dan u japplikaw l-Att dwar is-Servizzi Diġitali[44] u l-Att dwar is-Swieq Diġitali[45] , inkluż b'rispons għad-deċiżjoni reċenti ta' Meta dwar il-mekkaniżmi ta' verifika tal-fatti;	25. Jinsab imħasseb dwar l-interferenza barranija fl-Istati Membri, inklużi l-manipulazzjoni tal-media soċjali u d-diżinformazzjoni; jinnota l-inizjattivi inaċċettabbli ta' Elon Musk li juża pjattaformi tal-media soċjali sabiex jimmanipula l-opinjoni pubblika fi Stati Membri differenti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimmonitorjaw dan u japplikaw l-Att dwar is-Servizzi Diġitali[44] u l-Att dwar is-Swieq Diġitali[45] , inkluż b'rispons għad-deċiżjoni reċenti ta' Meta dwar il-mekkaniżmi ta' verifika tal-fatti; ***jenfasizza li l-Att dwar is-Servizzi Diġitali jipprovdi qafas robust biex jiġu indirizzati r-riskji sistemiċi li jinħolqu mid-diżinformazzjoni, b'mod partikolari fuq pjattaformi online kbar u jħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ b'mod rigoruż id-dispożizzjonijiet tiegħu; jenfasizza l-importanza tat-trasparenza fl-algoritmi tal-pjattaformi, awditi indipendenti u mekkaniżmi robusti għall-verifika tal-fatti u l-moderazzjoni tal-kontenut; jisħaq li l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni hija essenzjali għas-salvagwardja tad-demokrazija, il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u ż-żamma tal-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi madwar l-Unjoni Ewropea kollha;***
[44] Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj).	[44] Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj).

[45] Ir-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali) (ĠU L 265, 12.10.2022, p. 1, ELI: https://data.europa.eu/eli/reg/2022/1925/oj).

[45] Ir-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali) (ĠU L 265, 12.10.2022, p. 1, ELI: https://data.europa.eu/eli/reg/2022/1925/oj).

Or. en

Emenda 581
Mariusz Kamiński, Joachim Stanisław Brudziński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jinsab imħasseb dwar l-interferenza barranija fl-Istati Membri, inklużi l-manipulazzjoni tal-media soċjali u d-diżinformazzjoni; jinnota l-inizjattivi inaċċettabbli ***ta' Elon Musk*** li ***juża*** pjattaformi tal-media soċjali sabiex ***jimmanipula*** l-opinjoni pubblika fi Stati Membri differenti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimmonitorjaw dan u japplikaw l-Att dwar is-Servizzi Diġitali[44] u l-Att dwar is-Swieq Diġitali[45]***, inkluż b'rispons għad-deċiżjoni reċenti*** ta' Meta dwar il-mekkaniżmi ta' verifika tal-fatti;	25. Jinsab imħasseb dwar l-interferenza barranija fl-Istati Membri, ***li din għandha titqies ukoll li tinkludi interferenza minn sorsi fi Stati Membri oħra u f'istituzzjonijiet tal-UE,*** inklużi l-manipulazzjoni tal-media soċjali u d-diżinformazzjoni; ***iħeġġeġ li jiġu rrispettati s-sovranità tal-Istati Membri u n-nuqqas ta' interferenza fil-proċessi demokratiċi, li sfortunatament ma kinitx in-norma fi snin preċedenti u li trid tiġi eżaminata bir-reqqa, mhux biss f'termini ta' interferenza minn pajjiżi u atturi mhux tal-UE, iżda wkoll minn Stati Membri u istituzzjonijiet oħra;*** jinnota l-inizjattivi inaċċettabbli li ***jintużaw*** pjattaformi tal-media soċjali sabiex ***tiġi mmanipulata*** l-opinjoni pubblika fi Stati Membri differenti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimmonitorjaw dan u japplikaw l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali***; iħeġġeġ lill-Kummissjoni teżamina d-deċiżjoni*** ta' Meta dwar il-mekkaniżmi ta' verifika tal-fatti ***u tirrifletti serjament fuq l-allegazzjonijiet li l-***

mekkaniżmi huma preġudikati, fost l-oħrajn minħabba li jillimitaw il-firxa ta' kontenut konservattiv;

---

[4] Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj).

[45] Ir-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali) (ĠU L 265, 12.10.2022, p. 1, ELI: ***https://data.europa.eu/eli/reg/2022/1925/oj).***

Or. pl

Emenda 582
Nicolas Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jinsab imħasseb dwar l-interferenza barranija fl-Istati Membri, inklużi l-manipulazzjoni tal-media soċjali ***u d-diżinformazzjoni***; ***jinnota l-inizjattivi inaċċettabbli ta' Elon Musk li juża pjattaformi tal-media soċjali sabiex jimmanipula l-opinjoni pubblika fi Stati Membri differenti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimmonitorjaw dan u japplikaw l-Att dwar is-Servizzi Diġitali[44] u l-Att dwar is-Swieq Diġitali[45], inkluż b'rispons għad-deċiżjoni reċenti ta' Meta dwar il-mekkaniżmi ta'***	25. Jinsab imħasseb dwar l-interferenza barranija fl-Istati Membri, inklużi l-manipulazzjoni tal-media soċjali;

verifika tal-fatti;

---

*[44] **Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj).***

*[45] **Ir-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali) (ĠU L 265, 12.10.2022, p. 1, ELI: https://data.europa.eu/eli/reg/2022/1925/oj).***

Or. fr

Emenda 583
Ewa Zajączkowska-Hernik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jinsab imħasseb dwar l-interferenza barranija fl-Istati Membri***, inklużi l-manipulazzjoni tal-media soċjali u d-diżinformazzjoni***; ***jinnota l-inizjattivi inaċċettabbli ta' Elon Musk li juża pjattaformi tal-media soċjali sabiex jimmanipula l-opinjoni pubblika fi Stati Membri differenti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimmonitorjaw dan u japplikaw l-Att dwar is-Servizzi Diġitali[44] u l-Att dwar is-Swieq Diġitali[45], inkluż b'rispons għad-deċiżjoni reċenti ta' Meta dwar il-mekkaniżmi ta'***	25. Jinsab imħasseb dwar l-interferenza barranija fl-Istati Membri;

verifika tal-fatti;

---

*[44] **Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj).***

*[45] **Ir-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali) (ĠU L 265, 12.10.2022, p. 1, ELI: https://data.europa.eu/eli/reg/2022/1925/oj).***

Or. en

Emenda 584
Isabel Serra Sánchez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża lingwaġġ aktar ċar biex tevalwa l-konformità mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; ***jitlob li ssir enfasi akbar fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, permezz ta' mekkaniżmi ta' segwitu u ta' parametri referenzjarji li jistgħu jitkejlu; jipproponi mekkaniżmu komprensiv ta' monitoraġġ tal-istat tad-dritt li jinvolvi l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, l-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati sabiex titrawwem l-uniformità; jissuġġerixxi l-ħolqien ta' grupp permanenti għall-monitoraġġ tal-ksur tar-regoli dwar id-drittijiet tal-bniedem mill-Istati Membri***;	26. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża lingwaġġ aktar ċar biex tevalwa l-konformità mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; ***jafferma li r-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt mhuwiex għan fih innifsu, peress li l-monitoraġġ tas-sitwazzjoni mhuwiex biżżejjed iżda pjuttost għandu jwassal għal azzjoni speċifika ta' infurzar dwar in-nuqqasijiet identifikati, speċjalment meta ma jkunx hemm konformità sħiħa mar-rakkomandazzjonijiet; itenni l-ħtieġa li jiġu stabbiliti skeda ta' żmien, miri u azzjonijiet konkreti għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet u li jiġu speċifikati l-konsegwenzi possibbli f'każ ta' nuqqas ta' konformità, inkluż ir-referenza għal strumenti speċifiċi mis-sett ta' għodod li jinkludi l-għodod baġitarji***; ***jemmen li ċertu ksur tal-valuri jistħoqqlu azzjoni ta' infurzar immedjata u ksur ieħor jirrikjedi li jiġu implimentati rakkomandazzjonijiet b'mod urġenti;***

Or. en

Emenda 616
András László

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. ***Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża lingwaġġ aktar ċar biex tevalwa l-konformità mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; jitlob li ssir enfasi akbar fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, permezz ta'*** mekkaniżmi ***ta' segwitu u ta' parametri referenzjarji li jistgħu jitkejlu; jipproponi mekkaniżmu komprensiv ta' monitoraġġ tal-istat tad-dritt li jinvolvi l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, l-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati sabiex titrawwem l-uniformità; jissuġġerixxi l-ħolqien ta' grupp permanenti*** għall-monitoraġġ ***tal-ksur tar-regoli dwar id-drittijiet tal-bniedem mill-Istati*** Membri;	26. ***Ifakkar li skont it-Trattati, il-Kummissjoni ma għandha l-ebda kompetenza biex toħloq*** mekkaniżmi ***addizzjonali*** għall-monitoraġġ ***tal-istat tad-dritt fl-Istati*** Membri;

Or. en

Emenda 617
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża lingwaġġ aktar ċar biex tevalwa l-konformità mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; ***jitlob li ssir enfasi akbar fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, permezz ta' mekkaniżmi ta' segwitu u ta' parametri referenzjarji li jistgħu jitkejlu;*** jipproponi ***mekkaniżmu***	26. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża lingwaġġ aktar ċar biex tevalwa l-konformità mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, ***dejjem bl-appoġġ ta' bażi legali xierqa***; jipproponi li l-istituzzjonijiet kollha tal-UE ***għandhom jiġu vvalutati bl-istess mod bħall-Istati*** Membri;

komprensiv ta' monitoraġġ tal-istat tad-dritt li ***jinvolvi*** l-istituzzjonijiet kollha tal-UE***, l-Istati*** Membri ***u l-pajjiżi kandidati sabiex titrawwem l-uniformità***; ***jissuġġerixxi l-ħolqien ta' grupp permanenti għall-monitoraġġ tal-ksur tar-regoli dwar id-drittijiet tal-bniedem mill-Istati Membri;***

Or. sk

Emenda 618
Ewa Zajączkowska-Hernik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża lingwaġġ aktar ċar biex tevalwa l-konformità mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE***; jitlob li ssir enfasi akbar fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, permezz ta' mekkaniżmi ta' segwitu u ta' parametri referenzjarji li jistgħu jitkejlu; jipproponi mekkaniżmu komprensiv ta' monitoraġġ tal-istat tad-dritt li jinvolvi l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, l-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati*** sabiex titrawwem l-uniformità; ***jissuġġerixxi l-ħolqien ta' grupp permanenti għall-monitoraġġ tal-ksur tar-regoli dwar id-drittijiet tal-bniedem mill-Istati Membri;***	26. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża lingwaġġ aktar ċar biex tevalwa l-konformità mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE sabiex titrawwem l-uniformità;

Or. en

Emenda 619
Isabel Serra Sánchez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża lingwaġġ aktar ċar biex tevalwa l-konformità mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; jitlob li ssir enfasi akbar fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, permezz ta' mekkaniżmi ta' segwitu u ta' parametri referenzjarji li jistgħu jitkejlu; jipproponi mekkaniżmu komprensiv ta' monitoraġġ tal-istat tad-dritt li jinvolvi l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, l-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati sabiex titrawwem l-uniformità; jissuġġerixxi l-ħolqien ta' grupp permanenti għall-monitoraġġ tal-ksur tar-regoli dwar id-drittijiet tal-bniedem mill-Istati Membri;	26. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża lingwaġġ aktar ċar biex tevalwa l-konformità mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; jitlob li ssir enfasi akbar fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, permezz ta' mekkaniżmi ta' segwitu u ta' parametri referenzjarji li jistgħu jitkejlu; ***jemmen li n-nuqqas ta' konformità sistematiku ma' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi għandu jiġi indirizzat permezz ta' strumenti oħra li għandha l-Kummissjoni għad-dispożizzjoni tagħha, bħal kundizzjonalità tal-finanzjament;*** jipproponi mekkaniżmu komprensiv ta' monitoraġġ tal-istat tad-dritt li jinvolvi l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, l-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati sabiex titrawwem l-uniformità; jissuġġerixxi l-ħolqien ta' grupp permanenti għall-monitoraġġ tal-ksur tar-regoli dwar id-drittijiet tal-bniedem mill-Istati Membri;

Or. en

Emenda 620
Alessandro Ciriani, Paolo Inselvini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża lingwaġġ aktar ċar biex tevalwa l-konformità mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; ***jitlob li ssir enfasi akbar fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, permezz ta' mekkaniżmi ta' segwitu u ta' parametri referenzjarji li jistgħu jitkejlu; jipproponi mekkaniżmu komprensiv ta' monitoraġġ*** tal-istat tad-dritt ***li jinvolvi l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, l-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati***	26. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża lingwaġġ aktar ċar biex tevalwa l-konformità mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; ***jissottolinja li kwalunkwe diskussjoni u reviżjoni tal-qagħda*** tal-istat tad-dritt ***fl-Istati Membri ma għandhiex tikser il-mekkaniżmi tat-Trattat relatati mal-istat tad-dritt u lanqas il-kompetenzi tal-istituzzjonijiet tal-UE skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tat-TUE***;

sabiex titrawwem l-uniformità;
jissuġġerixxi l-ħolqien ta' grupp permanenti għall-monitoraġġ tal-ksur tar-regoli dwar id-drittijiet tal-bniedem mill-Istati Membri;

Or. it

Emenda 621
Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers, Malika Sorel, Fabrice Leggeri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tuża lingwaġġ aktar ċar biex tevalwa l-konformità mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; jitlob li ssir enfasi akbar fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, permezz ta' mekkaniżmi ta' segwitu u ta' parametri referenzjarji li jistgħu jitkejlu; jipproponi*** mekkaniżmu ***komprensiv*** ta' monitoraġġ tal-istat tad-dritt li jinvolvi l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, ***l-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati sabiex titrawwem l-uniformità; jissuġġerixxi l-ħolqien ta' grupp permanenti għall-monitoraġġ tal-ksur tar-regoli dwar id-drittijiet tal-bniedem mill-Istati Membri***;	26. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***toħloq*** mekkaniżmu ta' monitoraġġ tal-istat tad-dritt ***u l-korruzzjoni*** li jinvolvi l-istituzzjonijiet kollha tal-UE***, biex jiġu żgurati t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont fl-eżerċitar tal-kompetenzi tagħhom; jappella għall-ħolqien ta' mekkaniżmu biex ikopri b'mod effiċjenti l-flus kollha tal-kontribwenti li ntefqu b'mod mhux xieraq***;

Or. en

Emenda 622
Moritz Körner, Malik Azmani, Dainius Žalimas, Lucia Yar, Fabienne Keller, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová Ostrihoňová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża lingwaġġ aktar ċar biex tevalwa l-konformità mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; jitlob li ssir enfasi akbar fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, permezz ta' mekkaniżmi ta' segwitu u ta' parametri referenzjarji li jistgħu jitkejlu; jipproponi mekkaniżmu komprensiv ta' monitoraġġ tal-istat tad-dritt li jinvolvi l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, l-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati sabiex titrawwem l-uniformità; jissuġġerixxi l-ħolqien ta' grupp permanenti għall-monitoraġġ tal-ksur tar-regoli dwar id-drittijiet tal-bniedem mill-Istati Membri;	26. ***Jitlob lill-Kummissjoni tiddistingwi b'mod ċar bejn ksur sistemiku u iżolat tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri;*** iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża lingwaġġ aktar ċar biex tevalwa l-konformità mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; jitlob li ssir enfasi akbar fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, permezz ta' mekkaniżmi ta' segwitu u ta' parametri referenzjarji li jistgħu jitkejlu; jipproponi mekkaniżmu komprensiv ta' monitoraġġ tal-istat tad-dritt li jinvolvi l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, l-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati sabiex titrawwem l-uniformità; jissuġġerixxi l-ħolqien ta' grupp permanenti għall-monitoraġġ tal-ksur tar-regoli dwar id-drittijiet tal-bniedem mill-Istati Membri;

Or. en

Emenda 623
Marieke Ehlers, Tom Vandendriessche

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża lingwaġġ aktar ċar biex tevalwa l-konformità mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; jitlob li ssir enfasi akbar fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, permezz ta' mekkaniżmi ta' segwitu u ta' parametri referenzjarji li jistgħu jitkejlu; jipproponi mekkaniżmu komprensiv ta' monitoraġġ tal-istat tad-dritt li jinvolvi l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, l-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati sabiex titrawwem l-uniformità; jissuġġerixxi l-ħolqien ta' grupp permanenti għall-monitoraġġ tal-ksur tar-regoli dwar id-drittijiet tal-bniedem mill-	26. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża lingwaġġ aktar ċar biex tevalwa l-konformità ***kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-istituzzjonijiet tal-UE*** mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; jitlob li ssir enfasi akbar fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi ***u speċifiċi għall-istituzzjonijiet tal-UE***, permezz ta' mekkaniżmi ta' segwitu u ta' parametri referenzjarji li jistgħu jitkejlu; jipproponi mekkaniżmu komprensiv ta' monitoraġġ tal-istat tad-dritt li jinvolvi l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, l-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati sabiex titrawwem l-uniformità; jissuġġerixxi l-

Istati Membri;	ħolqien ta' grupp permanenti għall-monitoraġġ tal-ksur tar-regoli dwar id-drittijiet tal-bniedem mill-Istati Membri;

Or. en

Emenda 624
Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża lingwaġġ aktar ċar biex tevalwa l-konformità mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; jitlob li ssir enfasi akbar fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, permezz ta' mekkaniżmi ta' segwitu u ta' parametri referenzjarji li jistgħu jitkejlu; ***jipproponi mekkaniżmu komprensiv ta' monitoraġġ tal-istat tad-dritt*** li jinvolvi l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, l-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati sabiex titrawwem l-uniformità; ***jissuġġerixxi l-ħolqien ta' grupp permanenti għall-monitoraġġ tal-ksur tar-regoli dwar id-drittijiet tal-bniedem mill-Istati Membri;***	26. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża lingwaġġ aktar ċar biex tevalwa l-konformità mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; jitlob li ssir enfasi akbar fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, permezz ta' mekkaniżmi ta' segwitu u ta' parametri referenzjarji li jistgħu jitkejlu; ***jappella għat-tisħiħ tal-qafas tal-istat tad-dritt*** li jinvolvi l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, l-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati sabiex titrawwem l-uniformità;

Or. en

Emenda 625
Romana Tomc

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża lingwaġġ aktar ċar biex tevalwa l-konformità mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; jitlob li ssir enfasi akbar fuq l-	26. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża lingwaġġ aktar ċar biex tevalwa l-konformità mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; jitlob li ssir enfasi akbar fuq l-

implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, permezz ta' mekkaniżmi ta' segwitu u ta' parametri referenzjarji li jistgħu jitkejlu; jipproponi mekkaniżmu komprensiv ta' monitoraġġ tal-istat tad-dritt li jinvolvi l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, l-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati sabiex titrawwem l-uniformità; ***jissuġġerixxi l-ħolqien ta' grupp permanenti għall-monitoraġġ tal-ksur tar-regoli dwar id-drittijiet tal-bniedem mill-Istati Membri;***	implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, permezz ta' mekkaniżmi ta' segwitu u ta' parametri referenzjarji li jistgħu jitkejlu; jipproponi mekkaniżmu komprensiv ta' monitoraġġ tal-istat tad-dritt li jinvolvi l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, l-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati sabiex titrawwem l-uniformità;

Or. en

Emenda 626
Michał Wawrykiewicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża lingwaġġ aktar ċar biex tevalwa l-konformità mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; jitlob li ssir enfasi akbar fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, permezz ta' mekkaniżmi ta' segwitu u ta' parametri referenzjarji li jistgħu jitkejlu; jipproponi mekkaniżmu komprensiv ta' monitoraġġ tal-istat tad-dritt li jinvolvi l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, l-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati sabiex titrawwem l-uniformità; jissuġġerixxi l-ħolqien ta' grupp permanenti għall-monitoraġġ tal-ksur tar-regoli dwar id-drittijiet tal-bniedem mill-Istati Membri;	26. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża lingwaġġ aktar ċar ***u regoli tal-valutazzjoni trasparenti*** biex tevalwa l-konformità mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; jitlob li ssir enfasi akbar fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, permezz ta' mekkaniżmi ta' segwitu u ta' parametri referenzjarji li jistgħu jitkejlu; jipproponi mekkaniżmu komprensiv ta' monitoraġġ tal-istat tad-dritt li jinvolvi l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, l-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati sabiex titrawwem l-uniformità; jissuġġerixxi l-ħolqien ta' grupp permanenti għall-monitoraġġ tal-ksur tar-regoli dwar id-drittijiet tal-bniedem mill-Istati Membri;

Or. en

Emenda 627
Marieke Ehlers, Jorge Buxadé Villalba, Tom Vandendriessche, Fabrice Leggeri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar l-affermazzjonijiet li saru fir-rigward tal-kopresident tal-Grupp Ekoloġiku fil-Parlament Ewropew fil-podcast tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2024, fejn sostna li bi skambju ta' vot favur il-Kulleġġ tal-Kummissarji, ingħata "wegħdiet sostantivi" u ġie mwiegħed "postijiet fil-kabinetti, ħalli ningħataw ukoll xi pożizzjonijiet politiċi"[1a]; jissottolinja li, jekk l-affermazzjonijiet tiegħu huma preċiżi, din il-prattika ma tidhirx li hija f'konformità mal-Artikolu 245 tat-TFUE, li jiddikjara biċ-ċar li l-Kummissarji jimpenjaw ruħhom li jirrispettaw l-indipendenza tagħhom u jevitaw l-influwenza; ifakkar li, fil-ġurament tagħhom, il-Kummissarji solennement jiddikjaraw li huma kompletament indipendenti meta jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom u la jfittxu li jiksbu struzzjonijiet minn xi gvern u lanqas minn xi istituzzjoni, korp, uffiċċju jew entità oħra fit-twettiq tal-kompiti tagħhom; jemmen li dan iqajjem tħassib serju fir-rigward tal-istat tad-dritt;
	[1a] https://podcasts.apple.com/be/podcast/frankrijk-en-duitsland-stuurloos-wie-neemt-de/id1449821985?i=1000680020503
	Or. en

Emenda 628
Daniel Freund

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-possibbiltajiet kollha biex jiġi involut panel ta' esperti indipendenti f'edizzjonijiet sussegwenti tar-rapport dwar l-istat tad-dritt, kif rakkomandat mill-Parlament; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tistieden lill-FRA tagħti pariri metodoloġiċi u tagħmel riċerka komparattiva ħalli żżid id-dettall f'oqsma ewlenin tar-rapport annwali, fid-dawl tar-rabtiet intrinsiċi bejn id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt; jitlob lill-Bureau tiegħu, fid-dawl tan-nuqqas ta' rieda tal-Kummissjoni u tal-Kunsill, jorganizza proċedura ta' akkwist pubbliku sabiex jinħoloq panel temporanju ta' esperti indipendenti taħt l-awspiċji tal-Parlament, f'konformità mal-impenn meħud fir-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu, bil-għan li jagħti pariri lill-Parlament dwar il-konformità mal-valuri fl-Artikolu 2 tat-TUE fi Stati Membri varji u juri bl-eżempju kif tali panel jista' jaħdem fil-prattika;

Or. en

Emenda 629
Moritz Körner, Malik Azmani, Dainius Žalimas, Lucia Yar, Fabienne Keller, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Ana Catarina Mendes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Jinsisti li r-Rapport 2025 tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt ikopri l-kamp ta' applikazzjoni kollu tal-Artikolu 2 tat-Trattat tal-UE u jinkludi indikaturi usa', bħall-indipendenza tal-media, ir-rwol tas-soċjetà ċivili, id-drittijiet fundamentali (id-drittijiet sesswali u riproduttivi), il-libertà akkademika u artistika, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-

protezzjoni ta' minoranzi u gruppi vulnerabbli, ir-rispett għad-dritt internazzjonali u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi, sabiex jipprovdi stampa aktar sħiħa tal-istandards tal-istat tad-dritt madwar l-UE kollha;

Or. en

Emenda 630
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Robert Biedroń, Katarina Barley, Cecilia Strada, Klára Dobrev, Csaba Molnár, Emma Rafowicz, Alessandro Zan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Jinsisti li l-UE għandha tistabbilixxi mekkaniżmu ta' finanzjament dedikat biex jappoġġja l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (CSOs) li jaħdmu fuq id-drittijiet tal-LGBTIQ+; jenfasizza li dan il-mekkaniżmu jista' jipprovdi riżorsi għal kampanji ta' promozzjoni, għajnuna legali u sensibilizzazzjoni filwaqt li jiżgura li dawn l-organizzazzjonijiet jistgħu joperaw mingħajr restrizzjonijiet jew fastidju mhux xieraq; jenfasizza l-ħtieġa li l-UE ssaħħaħ il-mekkaniżmi tagħha ta' rispons rapidu biex tipproteġi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tal-LGBTIQ+ li jiffaċċjaw riskji f'ambjenti ostili;

Or. en

Emenda 631
Alessandro Ciriani, Paolo Inselvini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Itenni li l-mekkaniżmu tal-istat tad-dritt jeħtieġ li jiffoka primarjament fuq l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE, fuq il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji demokratiċi, filwaqt li jevita l-użu ta' kontribuzzjonijiet min-naħa ta' atturi esterni u organizzazzjonijiet privati li għandhom aġendi ideoloġiċi;

Or. it

Emenda 632
Mariusz Kamiński, Joachim Stanisław Brudziński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Kummissjoni tabbozza rapporti annwali dwar l-istat tad-dritt dwar kwistjonijiet magħżula b'mod arbitrarju u tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri anke jekk f'dan il-qasam ma għandhiex setgħat mogħtija lilha fl-ambitu tat-Trattati;

Or. pl

Emenda 633
Isabel Serra Sánchez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Jistieden lill-Kummissjoni tippubblika l-kriterji li tuża biex tagħżel l-informazzjoni mis-soċjetà ċivili, il-korpi internazzjonali, l-awtoritajiet nazzjonali u

partijiet ikkonċernati oħra fil-proċess tar-rapportar tagħhom dwar l-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 634
Juan Fernando López Aguilar, Nacho Sánchez Amor, Javier Moreno Sánchez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet deskritti fir-rapporti preċedenti u jfaħħar dawk li mhux biss implimentawhom iżda wkoll qabżu l-istandards stabbiliti;

Or. en

Emenda 635
Daniel Freund

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26b. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-użu tal-lingwaġġ ewfemistiku u n-numru ugwali u artifiċjali ta' konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet għal kull Stat Membru jaħbu d-differenzi reali ħafna bejn l-Istati Membri; jindika li r-rakkomandazzjonijiet għandhom jirriflettu aħjar is-sejbiet negattivi fir-rapport u jkunu aktar dettaljati; itenni r-rakkomandazzjoni biex issir distinzjoni bejn ksur sistemiku u ksur individwali, biex jiġi evitat ir-riskju ta' trivjalizzazzjoni tal-aktar ksur serju tal-istat tad-dritt; jistieden lill-Kummissjoni tagħmilha ċara li meta l-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE jinkisru b'mod sistematiku, deliberat u

gravi matul perjodu ta' żmien, l-Istati Membri jistgħu jonqsu milli jissodisfaw il-kriterji kollha li jiddefinixxu demokrazija; jemmen li l-valutazzjoni tat-twettiq tar-rakkomandazzjonijiet għandha tkun aktar preċiża u kwalitattiva, u ma tibbażax biss fuq il-bidliet leġiżlattivi iżda wkoll fuq l-evidenza reali u indipendenti tal-implimentazzjoni tagħhom fil-prattika;

Or. en

Emenda 636
Alessandro Ciriani, Paolo Inselvini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26b. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta valutazzjoni tas-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt aktar ibbilanċjata u bbażata fuq l-evidenza fl-Istati Membri, b'rispett shiħ tas-sovranità nazzjonali u tat-tradizzjonijiet ġuridiċi ta' kull Stat Membru; jinnota li l-għadd għoli ta' referenzi għas-sejbiet ta' xi NGOs jimplika li l-Kummissjoni fil-fatt esternalizzat il-ħidma fuq ir-rapport lil dawn l-organizzazzjonijiet, mingħajr ma vverifikat l-akkuratezza fattwali tad-dikjarazzjonijiet tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tadotta metodoloġija aktar shiħa u newtrali għall-valutazzjonijiet futuri;

Or. it

Emenda 637
Mariusz Kamiński, Joachim Stanisław Brudziński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22b. Ma jaqbilx mal-approċċ tal-Kummissjoni li bih abbozzat ir-rapport, li kien ifisser li r-rapport tal-Kummissjoni kien ikkaratterizzat minn livell għoli ta' arbitrarjetà, peress li taqsimiet deskrittivi huma mħallta mal-evalwazzjonijiet mingħajr distinzjoni ċara bejniethom it-tnejn; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Kummissjoni tapplika standards doppji u tivvaluta l-istess soluzzjonijiet jew soluzzjonijiet tassew simili b'mod differenti fi Stati Membri differenti, li huwa prova li ma hemmx metodoloġija waħda ċara bbażata fuq l-istess kunsiderazzjonijiet, u minflok hemm preġudizzju ad hoc u politiku fir-rigward tar-rapporti individwali;

Or. pl

Emenda 638
Isabel Serra Sánchez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26b. Jemmen li r-rakkomandazzjonijiet li huma inklużi fir-Rapporti annwali dwar l-Istat tad-Dritt jeħtieġ li jkunu aktar speċifiċi, jindikaw attivitajiet jew pjanijiet ta' azzjoni konkreti li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri u l-iskeda ta' żmien li trid tiġi segwita biex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni, inkluż, meta jkun rilevanti, l-opinjonijiet eżistenti tal-istituzzjonijiet nazzjonali (eż. il-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa, ir-Rapporteurs Speċjali tan-NU) jew sentenzi rilevanti tal-qorti (inkluż il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem);

Or. en

Emenda 639
Moritz Körner, Malik Azmani, Dainius Žalimas, Lucia Yar, Fabienne Keller, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová Ostrihoňová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26b. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ b'mod kontinwu kemm l-ambitu kif ukoll l-implikazzjonijiet tal-infurzar tar-rapport tagħha dwar l-istat tad-dritt; iwissi li n-nuqqas li l-monitoraġġ jintrabat ma' konsegwenzi reali jwassal għar-riskju li titnaqqas ir-rilevanza tar-rapport fl-Istati Membri;

Or. en

Emenda 640
Mariusz Kamiński, Joachim Stanisław Brudziński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26c. Josserva li fir-rapporti tagħha, il-Kummissjoni ħafna drabi tibbaża s-sejbiet tagħha fuq il-pubblikazzjonijiet tal-media, u jew ma jirnexxilhiex tagħmel il-kontrolli tas-sorsi jew sempliċiment tinjora l-kjarifiki pprovduti mill-Istat Membru inkwistjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżvela l-ismijiet tal-awturi u l-organizzazzjonijiet, l-assoċjazzjonijiet, il-gruppi ta' riflessjoni u entitajiet oħra li jabbozzaw rapporti dwar pajjiżi individwali, mingħajr ma jinħbew wara l-iskuża tal-kolleġġjalità, inkluż l-entitajiet li effettivament influwenzaw lill-Kummissjoni favur l-ispija Russu Pavel Rubtsov;

Or. pl

Emenda 641
Alessandro Ciriani, Paolo Inselvini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26c. Ifakkar f'dan ir-rigward fl-avvenimenti reċenti dwar l-allegat finanzjament ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili użati biex jagħmlu pressjoni fuq il-membri tal-Parlament Ewropew u jinfluwenzaw il-libertà tal-espressjoni tagħhom fi kwistjonijiet ta' politiki ekoloġiċi;

Or. it

Emenda 642
Mariusz Kamiński, Joachim Stanisław Brudziński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26d. Jesprimi rabja għall-fatt li l-Kummissjoni użat il-każ li jinvolvi lil Pablo González, bil-psewdonimu Pavel Rubtsov, aġent mill-aġenzija tal-intelligence militari Russa (GRU), li ħadem bil-moħbi bħala ġurnalist, bħala pretest għat-tnedija ta' attakk fuq Stat Membru; jistieden lill-Kummissjoni tiskuża ruħha mal-Polonja – pajjiż li wara l-fruntiera tiegħu għaddejja gwerra ta' skala kbira, u li huwa l-mira ta' attakki ibridi minn Moska u Minsk – għal dan l-attakk atroċi u tirtira d-dokument li jikkomprommetti l-Kummissjoni u l-proċeduri tagħha għall-eżaminazzjoni tas-

sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fi Stat Membru; jistieden lill-Kummissjoni tiċċara u tippubblika d-dettalji tal-organizzazzjonijiet u l-uffiċjali li għamlu pressjoni fuq il-Kummissjoni favur l-ispija Russu u l-attakk fuq il-Polonja;

Or. pl

Emenda 643
Alessandro Ciriani, Paolo Inselvini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26d. Jistieden lill-Kummissjoni tippubblika b'mod trasparenti l-ismijiet tal-partijiet ikkonċernati kollha li pparteċipaw fil-konsultazzjoni pubblika u pprovdew informazzjoni fl-Istati Membri għat-tħejjija ta' dan ir-rapport, filwaqt li tiġi evitata l-preżenza ta' sorsi anonimi;

Or. it

Emenda 644
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Robert Biedroń, Katarina Barley, Cecilia Strada, Klára Dobrev, Csaba Molnár, Emma Rafowicz, Alessandro Zan, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jisħaq fuq l-importanza ta' sistemi ġudizzjarji indipendenti u aċċess għal għajnuna legali mingħajr ħlas biex jiġi żgurat aċċess ugwali għall-ġustizzja; itenni li riżorsi adegwati, inklużi l-infrastruttura u l-persunal, huma kruċjali għat-titjib tas-sistemi ġudizzjarji;	27. Jisħaq fuq l-importanza ta' sistemi ġudizzjarji indipendenti u aċċess għal għajnuna legali mingħajr ħlas biex jiġi żgurat aċċess ugwali għall-ġustizzja; itenni li riżorsi adegwati, inklużi l-infrastruttura u l-persunal, huma kruċjali għat-titjib tas-sistemi ġudizzjarji; ***jirrakkomanda li l-Istati Membri jieħdu passi konkreti biex itejbu l-aċċess għall-ġustizzja għal gruppi***

marġinalizzati u vulnerabbli, inkluż permezz ta' sistemi tal-għajnuna legali mtejba u miżuri biex jiġu indirizzati l-ostakoli tal-lingwa u d-distakki diġitali;

Or. en

Emenda 645
Moritz Körner, Malik Azmani, Dainius Žalimas, Lucia Yar, Fabienne Keller, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová Ostrihoňová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jisħaq fuq l-importanza ta' sistemi ġudizzjarji indipendenti u aċċess għal għajnuna legali mingħajr ħlas biex jiġi żgurat aċċess ugwali għall-ġustizzja; itenni li riżorsi adegwati, inklużi l-infrastruttura u l-persunal, huma kruċjali għat-titjib tas-sistemi ġudizzjarji;	27. Jisħaq fuq l-importanza ta' sistemi ġudizzjarji indipendenti u aċċess għal għajnuna legali mingħajr ħlas ***u bi prezzijiet raġonevoli*** biex jiġi żgurat aċċess ugwali għall-ġustizzja; itenni li riżorsi adegwati, inklużi l-infrastruttura u l-persunal, huma kruċjali għat-titjib tas-sistemi ġudizzjarji; ***jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li r-riżorsi ġudizzjarji, inkluż l-għajnuna legali, jiġu ffinanzjati b'mod adegwat u jkunu faċilment aċċessibbli għal kulħadd, b'mod partikolari għall-gruppi vulnerabbli;***

Or. en

Emenda 646
Moritz Körner, Malik Azmani, Dainius Žalimas, Lucia Yar, Fabienne Keller, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová Ostrihoňová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Ifakkar li d-deċiżjonijiet li jittieħdu jew ma jittieħdux mill-istituzzjonijiet tal-UE ħafna drabi jinfluwenzaw is-

sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri; jikkritika l-fatt li l-istatus tal-istat tad-dritt fil-livell tal-UE jibqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-rapport 2024 tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt; jitlob li fir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt tal-2025 jiġu inklużi kapitolu dwar il-konformità tal-UE mal-istandards tal-istat tad-dritt, abbażi ta' mekkaniżmu ta' rieżami indipendenti;

Or. en

Emenda 647
Isabel Serra Sánchez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tistieden lill-FRA tipprovdi pariri metodoloġiċi u tagħmel riċerka komparattiva sabiex iżżid id-dettall f'oqsma ewlenin tar-rapport annwali, fid-dawl tar-rabtiet intrinsiċi bejn id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 648
Mariusz Kamiński, Joachim Stanisław Brudziński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-istituzzjonijiet tal-UE, bħal fil-każ tal-Polonja, saru l-promoturi ta' sistemi post-Komunisti billi jiddefendu l-korruzzjoni,

strutturi ineffiċjenti u mhux trasparenti, u b'hekk jagħmlu ħsara lill-Polonja u jiksru t-Trattati;

Or. pl

Emenda 649
Moritz Körner, Malik Azmani, Dainius Žalimas, Lucia Yar, Fabienne Keller, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová Ostrihoňová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27b. Jinnota li l-UE timmonitorja l-istat tad-dritt iżda ma tindirizzax sistematikament l-istatus tal-prinċipji demokratiċi fl-Istati Membri; jesprimi dispjaċir għall-fatt li r-rapport 2024 tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt ma jikkunsidrax prinċipji demokratiċi rilevanti, bħal elezzjonijiet ħielsa u ġusti, il-pluraliżmu politiku, il-kontrokontrolli istituzzjonali, il-ġustizzja demokratika tal-proċeduri leġiżlattivi u s-salvagwardji kontra l-kisba eċċessiva tal-gvern; jitlob li fir-rapport tal-Kummissjoni 2025 tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt jiġu inkluż kapitolu dwar l-istandards demokratiċi;

Or. en

Emenda 650
Moritz Körner, Malik Azmani, Dainius Žalimas, Lucia Yar, Fabienne Keller, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27c. Ifakkar lill-Kummissjoni li, bħala gwardjana tat-Trattati, għandha tieħu

	azzjonijiet ta' infurzar konkreti li jmorru lil hinn mis-sempliċi ħruġ ta' rapporti jew rakkomandazzjonijiet;

Or. en

Emenda 651
Moritz Körner, Malik Azmani, Dainius Žalimas, Lucia Yar, Fabienne Keller, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová Ostrihoňová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27d. Ifakkar lill-Kummissjoni li jeħtiġilha tapplika proċeduri ta' ksur b'mod konsistenti u malajr, billi timponi penali finanzjarji meta l-Istati Membri jonqsu milli jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni; jesprimi dispjaċir għall-fatt li, fil-passat, il-Kummissjoni damet wisq biex tindirizza l-ksur, b'mod partikolari fir-rigward ta' ksur tal-istat tad-dritt; itenni li l-Kummissjoni jeħtiġilha taġixxi fil-pront u b'mod deċiżiv meta jseħħ ksur, billi tiżgura li jinbdew proċeduri ta' ksur mingħajr dewmien;

Or. en

Emenda 652
Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jistieden lill-Kummissjoni tikkonkludi n-negozjati dwar is-sħubija tal-UE fil-GRECO bħala stadju importanti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 653
András László

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jistieden lill-Kummissjoni tikkonkludi n-negozjati dwar is-sħubija tal-UE fil-GRECO bħala stadju importanti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 654
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Robert Biedroń, Katarina Barley, Cecilia Strada, Klára Dobrev, Csaba Molnár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jistieden lill-Kummissjoni tikkonkludi n-negozjati dwar is-sħubija tal-UE fil-GRECO bħala stadju importanti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni;	28. Jistieden lill-Kummissjoni tikkonkludi n-negozjati dwar is-sħubija tal-UE fil-GRECO bħala stadju importanti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni; ***iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu l-mekkaniżmi ta' protezzjoni tal-informaturi, billi jiżguraw salvagwardji legali komprensivi u sistemi ta' appoġġ għal dawk li jesponu l-korruzzjoni, frodi jew ksur tad-dritt tal-Unjoni;***

Or. en

Emenda 655
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jistieden lill-Kummissjoni tikkonkludi n-negozjati dwar is-sħubija tal-UE fil-GRECO ***bħala stadju importanti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni***;	28. Jistieden lill-Kummissjoni tikkonkludi n-negozjati dwar is-sħubija tal-UE fil-GRECO;

Or. sk

Emenda 656
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Robert Biedroń, Katarina Barley, Cecilia Strada, Klára Dobrev, Csaba Molnár, Alessandro Zan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-libertà, l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media u jiġġieldu d-diżinformazzjoni; iħeġġeġ biex l-EMFA jiġi implimentat malajr;	29. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-libertà, l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media u jiġġieldu d-diżinformazzjoni; iħeġġeġ biex l-EMFA jiġi implimentat malajr; ***jirrakkomanda li l-Istati Membri jiżviluppaw strateġiji komprensivi biex jiġġieldu d-diżinformazzjoni u l-interferenza barranija fil-proċessi demokratiċi, filwaqt li jissalvagwardjaw il-libertà ta' espressjoni u l-pluraliżmu tal-media;***

Or. en

Emenda 657
Sandro Ruotolo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-libertà, l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media u jiġġieldu d-diżinformazzjoni;	29. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-libertà, l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media u jiġġieldu d-diżinformazzjoni;

iħeġġeġ biex ***l-EMFA jiġi implimentat malajr***;	iħeġġeġ biex ***ikun hemm implimentazzjoni malajr u trasparenti tal-EMFA, li hija stadju importanti kruċjali fis-salvagwardja tal-indipendenza, il-pluraliżmu u l-integrità tax-xenarju tal-media madwar l-Unjoni kollha, b'mod partikolari l-Ungerija, Malta, il-Greċja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u l-Italja***;

Or. en

Emenda 658
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-libertà, l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media u jiġġieldu d-diżinformazzjoni; iħeġġeġ biex l-EMFA jiġi implimentat malajr;	29. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-libertà, l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media u jiġġieldu d-diżinformazzjoni; ***jenfasizza li l-mižuri biex tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni, fil-prattika, ma għandhomx iwasslu għaċ-ċensura ta' opinjonijiet politiċi differenti;*** iħeġġeġ biex l-EMFA jiġi implimentat malajr;

Or. fi

Emenda 659
Ana Catarina Mendes, Chloé Ridel, Sandro Ruotolo, Francisco Assis, Hannes Heide, Pina Picierno, Matjaž Nemec, Emma Rafowicz, Krzysztof Śmiszek, Katarina Barley, Evin Incir, Juan Fernando López Aguilar, Nacho Sánchez Amor, Marco Tarquinio, Javier Moreno Sánchez, Alessandro Zan, Daniel Freund, Michał Wawrykiewicz, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-libertà, l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media u jiġġieldu d-diżinformazzjoni;	29. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-libertà, l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media u jiġġieldu d-diżinformazzjoni;

iħeġġeġ biex l-EMFA jiġi implimentat malajr;	iħeġġeġ biex l-EMFA jiġi implimentat malajr***, speċjalment f'ċerti Stati Membri li ma għandhomx pożizzjoni għolja fl-indiċijiet tal-libertà tal-media***;

Or. en

Emenda 660
Nicolas Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-libertà, l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media ***u jiġġieldu d-diżinformazzjoni***; ***iħeġġeġ biex l-EMFA jiġi implimentat malajr;***	29. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-libertà, l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media;

Or. fr

Emenda 661
Daniel Freund, Diana Riba i Giner, Jaume Asens Llodrà, Vicent Marzà Ibáñez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-libertà, l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media u jiġġieldu d-diżinformazzjoni; iħeġġeġ biex l-EMFA jiġi implimentat malajr;	29. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-libertà, l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media u jiġġieldu d-diżinformazzjoni; ***jissottolinja r-rwol importanti tal-media tas-servizzi pubbliċi;*** iħeġġeġ biex l-EMFA jiġi implimentat malajr;

Or. en

Emenda 662
Moritz Körner, Malik Azmani, Dainius Žalimas, Lucia Yar, Fabienne Keller, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová

Ostrihoňová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-libertà, l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media u jiġġieldu d-diżinformazzjoni; iħeġġeġ biex l-EMFA jiġi implimentat malajr;	29. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-libertà, l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media***, l-allokazzjoni trasparenti tal-fondi pubbliċi,*** u jiġġieldu d-diżinformazzjoni; iħeġġeġ biex l-EMFA jiġi implimentat malajr;

Or. en

Emenda 663
András László

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-libertà, l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media u jiġġieldu d-diżinformazzjoni; ***iħeġġeġ biex l-EMFA jiġi implimentat malajr;***	29. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-libertà, l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media u jiġġieldu d-diżinformazzjoni;

Or. en

Emenda 664
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-libertà, l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media u jiġġieldu ***d-diżinformazzjoni***; ***iħeġġeġ biex l-EMFA jiġi implimentat malajr;***	29. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-libertà, l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media u jiġġieldu ***ċ-ċensura u l-interferenza mhux ġustifikata mal-libertà tal-espressjoni***;

Or. sk

Emenda 665
Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers, Malika Sorel, Fabrice Leggeri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-libertà, l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media u ***jiġġieldu d-diżinformazzjoni***; ***iħeġġeġ biex l-EMFA jiġi implimentat malajr***;	29. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-libertà, l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media u ***jipproteġu l-libertà ta' espressjoni u d-dritt għall-informazzjoni***;

Or. en

Emenda 666
Nicolas Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jenfasizza r-rwol tas-soċjetà ċivili u korpi ta' sorveljanza indipendenti fil-monitoraġġ u l-appoġġ tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt; jappella għal qafas strutturat ta' djalogu ċivili biex il-kontributi tas-soċjetà ċivili jiġu integrati fiċ-ċiklu annwali tal-istat tad-dritt, kif jirrakkomandaw il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE)[46] u n-networks tas-soċjetà ċivili[47] ; itenni l-importanza ta' konsultazzjoni wiesgħa waqt l-abbozzar tar-rapport;	***imħassar***

[46] L-opinjoni tal-KESE tal-14 ta' Frar 2024 bit-titolu "It-tisħiħ tad-djalogu ċivili u d-demokrazija parteċipattiva fl-UE: it-

triq ’il quddiem”.’

[47] Civil Society Europe, “Joint Civil Society Contribution on Civic Space to the 2024 Annual Rule of Law Report” (Kontribut Konġunt tas-Soċjetà Ċivili dwar l-Ispazju Ċiviku għar-Rapport Annwali tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt), Ġunju 2024.

Or. fr

Emenda 667
Daniel Freund

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
